IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 12.9.2012
COM(2012) 511 final

2012/0242 (CNS)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL

## li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta’ politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Bħalissa, is-solidità tas-settur bankarju ħafna drabi għadha marbuta mill-qrib mal-Istat Membru li fih ikunu stabbiliti l-banek. Dubji dwar is-sostenibbiltà ta' dejn pubbliku, prospetti ta' tkabbir ekonomiku, u l-vijabbiltà tal-istituzzjonijiet ta' kreditu ilhom joħolqu tendenzi tas-suq negattivi u li jirrinforzaw lil xulxin. Dan jista' jwassal għal riskji għall-vijabbiltà ta' wħud mill-istituzzjonijiet ta' kreditu kif ukoll għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja, u jistgħu jimponu piż tqil fuq il-finanzi pubbliċi diġà batuti tal-Istati Membri kkonċernati.

Is-sitwazzjoni timponi riskji speċifiċi fiż-Żona tal-euro, fejn il-munita unika żżid il-probabbiltà li żviluppi fi Stat Membru wieħed ikunu jistgħu joħolqu riskji għall-iżvilupp ekonomiku u l-istabbiltà taż-Żona tal-euro kollha. Barra minn hekk, ir-riskju attwali tad-diżintegrazzjoni finanzjarja mal-fruntieri nazzjonali jdgħajjef b'mod sinifikanti s-Suq Uniku għas-servizzi finanzjarji u ma jħallihx jikkontribwixxi għall-irkupru ekonomiku.

Il-ħolqien tal-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE) bir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), u tas-Sistema Ewropea tas-Superviżjoni Finanzjarja (SESF) diġà kkontribwew għal kooperazzjoni mtejba bejn is-superviżuri nazzjonali u għall-iżvilupp ta' ġabra unika ta' regoli għas-servizzi finanzjarji fl-UE. Madankollu, is-superviżjoni tal-banek tibqa' fil-biċċa l-kbira fi ħdan il-fruntieri nazzjonali u b'hekk tonqos milli tlaħħaq mas-swieq bankarji integrati. In-nuqqasijiet superviżorji, minn meta bdiet il-kriżi finanzjarja, għawwru b'mod sinifikanti l-fiduċja fis-settur bankarju tal-UE u kkontribwew għal aggravament tat-tensjonijiet fis-swieq tad-dejn sovran fiż-żona tal-euro.

Għalhekk, il-Kummissjoni, f'Mejju 2012, talbet, bħala parti minn viżjoni fuq terminu itwal għall-integrazzjoni ekonomika u fiskali, li jkun hemm unjoni bankarja li tirrestawra l-fiduċja fil-banek u fl-euro. Wieħed mill-elementi ewlenin tal-unjoni bankarja għandu jkun Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU) b'sorveljanza diretta tal-banek, biex jiġu infurzati r-regoli prudenzjali b'mod strett u imparzjali u titwettaq sorveljanza effikaċi tas-swieq bankarji transfruntieri. Jekk jiġi żgurat li s-superviżjoni bankarja fiż-Żona tal-euro kollha tirrispetta standards għoljin komuni, dan se jikkontribwixxi biex tissawwar il-fiduċja meħtieġa bejn l-Istati Membri, xi ħaġa li hija prerekwiżit għall-introduzzjoni ta' kwalunkwe garanzija ta' kontinġenza (backstop) aħħarija komuni.

Fis-summit taż-Żona tal-euro, fid-29 ta' Ġunju 2012, il-Kapijiet tal-Istat jew tal-Gvern talbu lill-Kummissjoni "tippreżenta fi żmien qasir proposti għall-istabbiliment ta' mekkaniżmu superviżorju uniku. Meta mekkaniżmu bħal dan jiġi implimentat għall-banek fiż-żona tal-euro, il-MES jista', wara li tittieħed deċiżjoni regolari, ikollu l-possibbiltà li jirrikapitalizza lill-banek direttament." Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-laqgħa li saret fit-28 u fid-29 ta' Ġunju 2012 jiddikjaraw li din id-dikjarazzjoni taż-Żona tal-euro u l-proposti li l-Kummisjoni se tippreżenta skontha għandhom iqisu l-iżvilupp ta' "pjan direzzjonali speċifiku u marbut biż-żmien għall-kisba ta' Unjoni Ekonomika u Monetarja ġenwina".

## 2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Il-Kummissjoni qieset l-analiżi li saret fil-kuntest tal-adozzjoni tal-"pakkett superviżorju" li joħloq l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, li vvalutat l-aspetti operazzjonali, ta' governanza, finanzjarji u legali kollha rilevanti għall-istabbiliment ta' MSU. It-tħejjija ta' valutazzjoni tal-impatt formali ma kinitx possibbli fi żmien l-iskeda stabbilita mis-Summit taż-Żona tal-euro tad-29 ta' Ġunju.

## 3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 127(6) tat-TFUE, li jipprovdi bażi ġuridika għall-konferiment ta' kompiti speċifiċi lill-BĊE li jirrigwardaw is-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ta' istituzzjonijiet oħrajn bl-eċċezzjoni tal-impriżi ta' assigurazzjoni.

Il-proposta tikkonferixxi lill-BĊE ċerti kompiti superviżorji ewlenin għas-superviżjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, filwaqt li l-kompiti l-oħra mhux imsemmija fir-Regolament se jibqgħu kompetenza tas-superviżuri nazzjonali. Il-proposta tagħti s-setgħa lill-BĊE jwettaq superviżjoni fuq konglomerati finanzjarji. Madankollu, biex tiġi żgurata l-konformità mal-Artikolu 127(6) tat-TFUE, il-BĊE se jkun responsabbli biss għat-twettiq tal-kompiti tiegħu għas-superviżjoni supplementari ta' konglomerati finanzjarji abbażi tal-grupp sħiħ, filwaqt li s-superviżjoni prudenzjali tal-impriża individwali tal-assigurazzjoni stess se titwettaq mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

L-għanijiet tal-azzjoni proposta ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri u għalhekk jistgħu jintlaħqu aħjar mill-UE. L-avvenimenti reċenti wrew b'mod ċar li s-superviżjoni fil-livell Ewropew biss tista' tiżgura sorveljanza xierqa ta' settur bankarju integrat u livell għoli ta' stabbiltà finanzjarja fl-UE u fiż-Żona tal-euro b'mod partikolari. Id-dispożizzjonijiet ta' din il-proposta ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet mixtieqa. Il-BĊE huwa fdat bil-kompiti superviżorji li jeħtieġ li jiġu eżerċitati fil-livell tal-UE biex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi u effettiva tar-regoli prudenzjali, tal-kontroll tar-riskji u tal-prevenzjoni tal-kriżijiet. L-awtoritajiet nazzjonali se jkomplu jwettqu ċerti kompiti li jistgħu jitwettqu aħjar fil-livell nazzjonali.

Skont l-Artikolu 127(6) tat-TFUE, il-Kunsill jaġixxi permezz ta' regolamenti. Għalhekk, regolament huwa l-uniku strument ġuridiku li jippermetti l-konferiment tal-kompiti superviżorji lill-BĊE.

## 4. SPJEGAZZJONI DETTALJATA TAL-PROPOSTA

### 4.1. Il-konferiment ta' ċerti kompiti superviżorji lill-BĊE

#### *4.1.1. Struttura*

Il-BĊE se jkun responsabbli għal kompiti speċifiċi li jikkonċernaw is-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li huma stabbiliti fl-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (Stati Membri parteċipanti) bl-għan li jippromwovi s-sikurezza u s-solidità tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja. Il-BĊE se jwettaq il-kompiti tiegħu fil-qafas tal-SESF u se jikkoopera mill-qrib mas-superviżuri nazzjonali u l-ABE.

### 4.1.2. *L-ambitu tal-attivitajiet superviżorji*

Wara perjodu tranżizzjonali, il-BĊE se jkun responsabbli għat-twettiq ta' kompiti superviżorji ewlenin għall-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha fl-Istati Membri parteċipanti, ikun x'ikun il-mudell jew id-daqs tal-operat tagħhom. Il-BĊE għandu jkun is-superviżur ospitanti għall-istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti fi Stati Membri li mhumiex parteċipanti, li jistabbilixxu fergħa jew jipprovdu servizzi transfruntieri fi Stat Membru parteċipanti.

### 4.1.3. *Kooperazzjoni mal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej*

Il-BĊE se jwettaq il-kompiti tiegħu fil-qafas tas-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja u se jikkoopera mill-qrib mat-tliet Awtoritajiet Superviżorji Ewropej. L-ABE se żżomm is-setgħat u l-kompiti tagħha biex tiżviluppa aktar il-ġabra unika ta' regoli u tiżgura konverġenza u konsistenza tal-prattika superviżorja. Il-BĊE mhu se jieħu responsabbiltà għall-ebda kompitu tal-ABE u l-eżerċitar tas-setgħat regolatorji tiegħu skont l-Artikolu 132 tat-TFUE se jkunu limitati għall-oqsma li huma meħtieġa għall-eżerċitar xieraq tal-kompiti kkonferiti lill-BĊE b'dan ir-Regolament.

Il-kompożizzjoni tal-bord tas-superviżuri tal-ABE se tibqa' l-istess u r-rappreżentanti mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti se jkomplu jinfluwenzaw it-teħid tad-deċiżjonijiet fl-ABE. Madankollu, sabiex jirriflettu r-responsabbiltajiet superviżorji tal-BĊE, ir-rappreżentanti mill-awtoritajiet kompetenti mill-Istati Membri parteċipanti għandhom jikkoordinaw u jesprimu pożizzjoni komuni, fi kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenzi tal-BĊE.

## 4.2. Kompiti tal-BĊE

### 4.2.1. *Kompiti tal-BĊE*

Il-BĊE se jkun esklussivament kompetenti għall-kompiti superviżorji ewlenin li huma indispensabbli biex jiġu individwati r-riskji għall-vijabbiltà tal-banek u biex jitlobhom jieħdu l-azzjoni meħtieġa. Il-BĊE, fost affarijiet oħra, se jkun l-awtorità kompetenti għal-liċenzjar u l-awtorizzazzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, għall-valutazzjoni ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji kwalifikattivi, għall-iżgurar tal-konformità mar-rekwiżiti kapitali minimi, għall-iżgurar tal-adegwatezza tal-kapital intern b'rabta mal-profil tar-riskji ta' istituzzjoni ta' kreditu (miżuri tal-Pilastru Nru 2), għat-twettiq ta' superviżjoni fuq bażi kkonsolidata u ta' kompiti superviżorji b'rabta ma' konglomerati finanzjarji. Barra minn hekk, il-BĊE se jiżgura wkoll konformità mad-dispożizzjonijiet dwar l-ingranaġġ u l-likwidità, se japplika bafers kapitali u se jwettaq, b'koordinazzjoni mal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni, miżuri ta' intervent bikri meta bank jikser, jew ikun se jikser, rekwiżiti regolatorji ta' kapital. Il-BĊE se jikkoordina u jesprimi wkoll pożizzjoni komuni ta' rappreżentanti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri parteċipanti fil-Bord tas-Superviżuri u l-Bord Maniġerjali tal-ABE, għal suġġetti marbuta mal-kompiti msemmija hawn fuq.

### 4.2.2. *Rwol tas-superviżuri nazzjonali*

Is-superviżuri nazzjonali se jibqa' jkollhom rwol importanti bil-ħolqien ta' Mekkaniżmu Superviżorju Uniku.

L-ewwel nett, il-kompiti kollha mhux ikkonferiti lill-BĊE se jibqgħu f'idejn is-superviżuri nazzjonali. Pereżempju, is-superviżuri nazzjonali se jibqgħu responsabbli għall-protezzjoni tal-konsumatur u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, u għas-superviżjoni ta' istituzzjonijiet ta'

kreditu ta’ pajjiżi terzi li jistabbilixxu fergħat jew jipprovdu servizzi transfruntieri fi Stat Membru.

It-tieni nett, anke għall-kompiti kkonferiti lill-BĊE, il-biċċa l-kbira tal-verifiki u tal-attivitajiet superviżorji l-oħra ta' kuljum meħtieġa biex jitħejjew u jiġu implimentati l-atti tal-BĊE jistgħu jiġu eżerċitati mis-superviżuri nazzjonali li joperaw bħala parti integrali mill-MSU. MSU li jkopri l-banek kollha fl-Istati Membri parteċipanti jista’ jopera biss abbażi ta’ mudell li jintegra rwol b’saħħtu għal għarfien espert superviżorju fil-livell nazzjonali. Il-proposta tirrikonoxxi li fil-MSU, is-superviżuri nazzjonali jkunu f’bosta każijiet fl-aqwa pożizzjoni biex iwettqu dan it-tip ta’ attivitajiet, minħabba l-għarfien tagħhom dwar swieq bankarji nazzjonali, reġjonali u lokali, ir-riżorsi eżistenti sinifikanti tagħhom u minħabba kunsiderazzjonijiet marbuta mal-post u l-lingwa, u b’hekk tippermetti li l-BĊE jiddependi fuq l-awtoritajiet nazzjonali sa punt sinifikanti. L-attivitajiet ta’ tħejjija u ta’ implimentazzzjoni li l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jwettqu fil-MSU jinkludu pereżempju dawn li ġejjin:

- F’każ ta’ talba għal awtorizzazzjoni ta’ bank ġdid, is-superviżur nazzjonali jista’ jkun responsabbli għall-valutazzjoni tal-konformità ma’ kwalunkwe kundizzjoni għal awtorizzazzjoni stabbilita fil-liġi nazzjonali, u jista’ jipproponi deċiżjoni lill-BĊE li jista’ jawtorizza lill-bank jekk ikun sodisfatt li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-liġi tal-UE jkunu ntlaħqu. Proċedura simili tapplika għall-irtirar ta’ awtorizzazzjoni.

- Is-superviżuri nazzjonali jistgħu jwettqu valutazzjoni kontinwa ġurnata b’ġurnata tas-sitwazzjoni ta' bank u verifiki fuq il-post, filwaqt li jimplimentaw gwida ġenerali jew regoli maħruġa mill-BĊE. Għal dawn il-finijiet is-superviżuri nazzjonali jistgħu jużaw is-setgħat eżistenti tagħhom, pereżempju biex iwettqu eżamijiet fuq il-post. Jekk abbażi tal-valutazzjoni kontinwa jidher li bank ikun f’diffikultajiet serji s-superviżur nazzjonali jista' javża lill-BĊE.

- F’każ ta’ talba ta’ bank biex juża mudell intern tar-riskju, is-superviżur nazzjonali jkun jista’ jivvaluta t-talba u l-konformità tagħha mal-liġi tal-UE u kwalunkwe gwida maħruġa mill-BĊE u jista’ jipproponi lill-BĊE jekk jivvalidax il-mudell u taħt liema kundizzjonijiet. Wara validazzjoni, is-superviżur nazzjonali jista’ jissorvelja l-applikazzjoni tal-mudell u jimmonitorja l-użu kontinwu tiegħu.

- Is-setgħat ta’ sanzjonar jistgħu jkunu maqsumin bejn il-BĊE u l-livell nazzjonali.

## 4.3. Setgħat tal-BĊE

### *4.3.1. Setgħat superviżorji u investigatorji*

Għall-finijiet tat-twettiq tal-kompiti tiegħu, il-BĊE se jitqies bħala l-awtorità kompetenti tal-Istati Membri parteċipanti u se jkollu s-setgħat superviżorji li dawk l-awtoritajiet għandu jkollhom skont l-leġiżlazzjoni bankarja tal-UE. Dawk jinkludu setgħat superviżorji bħall-awtorizzazzjoni ta’ istituzzjonijiet ta’ kreditu u l-irtirar tal-awtorizzazzjoni u t-tneħħija ta’ membru ta’ bord maniġerjali ta’ istituzzjoni ta’ kreditu. Barra minn hekk, għall-finijiet tat-twettiq tal-kompiti superviżorji kkonferiti lilu, il-BĊE jista’ jimponi sanzjonijiet pekunarji u ħlasijiet ta’ penalitajiet perjodiċi. L-approċċ fir-rigward tas-sanzjonijiet stipulat f’dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għal dak f’oqsma oħra fejn l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom is-setgħa jimponu sanzjonijiet, inkluż, f’ċerti każijiet, fuq impriżi prinċipali.

Sabiex ikun jista' jwettaq il-kompiti tiegħu l-BĊE se jkollu s-setgħat investigatorji kollha meħtieġa. B'mod partikolari, il-BĊE se jkun jista' jitlob l-informazzjoni kollha rilevanti mingħand l-entitaijiet li jkunu soġġetti għal superviżjoni u l-persuni involuti fl-attivitajiet tagħhom, marbuta jew konnessi ma' dawk l-attivitajiet jew li jkunu qed iwettqu l-funzjonijiet operazzjonali f'isimhom. Se jingħata wkoll is-setgħa li jwettaq l-investigazzjonijiet kollha meħtieġa, inklużi l-ispezzjonijiet fuq il-post. L-eżerċitar tas-setgħat investigatorji se jkun soġġett għal salvagwardji xierqa.

*4.3.2. Dispożizzjoni speċifika dwar awtorizzazzjoni u kwistjonijiet bejn pajjiż ospitanti u pajjiż tad-domiċilju*

L-awtorizzazzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu mill-BĊE se tqis il-kundizzjonijiet addizzjonali li jistgħu jkunu stabbiliti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali. B'mod partikolari, il-BĊE se jagħti l-awtorizzazzjoni wara proposta magħmula mill-awtorità kompetenti nazzjonali fejn il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali jkunu ssodisfati.

Meta l-istituzzjonijiet ta' kreditu jeżerċitaw id-dritt ta' stabbiliment u l-provvediment liberu tas-servizzi fi Stati Membri oħra, il-liġi tal-Unjoni tipprovdi għal attribuzzjoni ċara ta' kompetenzi bejn l-Istati Membri tad-domiċilju u dawk ospitanti u għal notifika speċifika. Għall-kompiti kkonferit lilu, il-BĊE se jassumi r-rwol kemm ta' superviżur tad-domiċilju kif ukoll ta' superviżur ospitanti għal istituzzjonijiet ta' kreditu li jeżerċitaw id-dritt ta' stabbiliment u l-provvediment liberu ta' servizzi fi Stati Membri oħra parteċipanti. B'rabta mal-kwistjonijiet koperti b'dawk il-kompiti, għalhekk m'hemm l-ebda ħtieġa għal attribuzzjoni ta' kompetenzi bejn l-Istati Membri tad-domiċilju u dawk ospitanti u għal proċeduri ta' notifika speċifiċi u d-dispożizzjonijiet rilevanti mhux se jibqgħu japplikaw bejn l-Istati Membri parteċipanti.

Skont il-liġi tal-Unjoni, is-superviżuri ta' gruppi bankarji transfruntieri jipparteċipaw f'superviżjoni konsolidata tal-grupp u jikkoordinaw l-attivitajiet superviżorji tagħhom fil-qafas tal-kulleġġi tas-superviżuri. Madankollu, għall-gruppi bankarji stabbiliti biss fl-Istati Membri parteċipanti, il-BĊE se jassumi l-kompiti superviżorji kollha rilevanti. Għal dawn il-gruppi d-dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni bejn is-superviżuri u dwar il-kulleġġi mhux se jibqgħu japplikaw.

## 4.4. Relazzjoni mal-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro

Il-proposta tqis is-sitwazzjoni tal-Istati Membri li ma adottawx l-euro fi tliet modi.

L-ewwel nett, skont il-proposta relatata li temenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li jistabbilixxi l-Awtorità Bankarja Ewropea, qed jiġi propost li l-arranġamenti tal-votazzjoni fl-ABE għandhom jiġu adattati biex jiġi żgurat li l-istrutturi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-ABE jibqgħu bbilanċjati u effikaċi u jħarsu l-integrità sħiħa tas-Suq Uniku (ara t-taqsima 4.1.3).

It-tieni nett, fir-rigward tas-superviżjoni ta' banek transfruntieri attivi kemm fiż-żona tal-euro kif ukoll barra minnha, il-proposta ma taffettwa bl-ebda mod il-pożizzjoni fil-Kulleġġi tas-Superviżuri, tal-Istati Membri mhux parteċipanti, stabbiliti skont id-Direttiva 2006/48/KE. Id-dispożizzjonijiet dwar dawk il-kulleġġi u l-obbligu li jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni f'superviżjoni konsolidata u bejn is-superviżuri tad-domiċilju u dawk ospitanti se japplikaw b'mod sħiħ għall-BĊE – bħala l-awtorità kompetenti għall-Istati Membri parteċipanti. Dawk id-dispożizzjonijiet se jipprovdu qafas effikaċi għall-kooperazzjoni bejn il-BĊE u s-superviżuri nazzjonali fl-Istati Membri li ma adottawx l-euro.

It-tielet nett, l-Istati Membri li ma adottawx l-euro iżda li jixtiequ jipparteċipaw fl-unjoni bankarja se jkunu jistgħu jidħlu f'kooperazzjoni superviżorja mill-qrib mal-BĊE bil-kundizzjoni li jissodisfaw kundizzjonijiet speċifiċi. Dawn jinkludu b'mod partikolari li dawk l-Istati Membri jirrispettaw u jimplimentaw atti rilevanti tal-BĊE. Għal Stat Membru li jkun daħal f'arranġament ta' kooperazzjoni mill-qrib, il-BĊE se jwettaq il-kompiti superviżorji kkonferiti lilu f'dan ir-Regolament fir-rigward tal-istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti fl-Istat Membru kkonċernat. Rappreżentant tal-Istat Membru jista' jipparteċipa fl-attivitajiet tal-bord superviżorju stabbilit bir-Regolament biex iwettaq l-ippjanar u l-eżekuzzjoni tal-kompiti tal-BĊE fil-qasam tas-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fid-deċiżjoni li tistabbilixxi l-kooperazzjoni mill-qrib f'konformità mal-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE.

## 4.5. Prinċipji organizzazzjonali

### *4.5.1. Indipendenza u Responsabbiltà*

Il-BĊE se jkun indipendenti meta jwettaq superviżjoni bankarja u se jkun soġġett għal dispożizzjonijiet ta' responsabbiltà qawwija biex jiġi żgurat li juża s-setgħat superviżorji tiegħu bil-mod l-iktar effikaċi u proporzjonat, fil-limiti stabbiliti bit-Trattat b'mod parallel mal-arranġamenti pprovduti għall-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej. Il-BĊE għandu għalhekk jagħti kont tal-kompiti tiegħu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill/il-Grupp tal-euro. Il-BĊE se jkun soġġett għal rekwiżiti ta' rapportar regolari u se jwieġeb għall-mistoqsijiet. Il-President tal-bord superviżorju se jippreżenta rapport annwali dwar l-attivitajiet superviżorji tal-BĊE lill-PE u lill-Grupp tal-euro u jista' jinstema' mill-kumitati kompetenti tal-PE fi kwalunkwe okkażjoni oħra. Il-BĊE se jkun obbligat ukoll iwieġeb kwalunkwe mistoqsija li ssir mill-PE u mill-membri tiegħu dwar l-attivitajiet superviżorji tiegħu. Barra minn hekk, skont it-Trattat, il-President u l-Viċi President tal-Kunsill Governattiv bħala l-korp bir-responsabbiltà aħħarija għall-azzjoni tal-BĊE, kif ukoll il-membri l-oħra tal-Bord Eżekuttiv, jinħatru mill-Kunsill Ewropew wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew. Peress li l-President tal-bord superviżorju se jintgħażel mill-Membri tal-Bord Eżekuttiv, dan se jiżgura wkoll rwol sinifikanti tal-PE għall-għażla tal-President. Fir-rigward tal-baġit, skont l-Artikolu 314(1) tat-TFUE l-baġit tal-BĊE ma jagħmilx parti mill-baġit tal-Unjoni. Madankollu, bl-għan li tiġi żgurata r-responsabbiltà f'dan il-qafas, il-BĊE se jkun meħtieġ jiżviluppa linja tal-baġit separata għall-kompiti superviżorji mill-baġit ġenerali tiegħu. Nefqiet relatati mal-kompiti superviżorji tal-BĊE se jkunu ffinanzjati billi jintalbu tariffi mingħand l-istituzzjonijiet li jkunu soġġetti għal superviżjoni.

### *4.5.2. Governanza*

Kompiti ta' politika monetarja se jiġu strettament separati minn kompiti superviżorji biex jiġi eliminat il-potenzjal ta' kunflitti ta' interess bejn l-għanijiet tal-politika monetarja u dawk tas-superviżjoni prudenzjali. Biex tiġi implimentata l-firda meħtieġa bejn iż-żewġ kompiti u jiġi żgurat li l-kompiti superviżorji jingħataw attenzjoni xierqa, il-BĊE se jiżgura li l-attivitajiet ta' tħejjija u eżekuzzjoni kollha fil-BĊE jitwettqu minn korpi u diviżjonijiet amministrattivi separati minn dawk responsabbli għall-politika monetarja. Għal dan il-għan se jiġi stabbilit bord superviżorju li se jħejji d-deċiżjonijiet dwar il-kwistjonijiet superviżorji. Il-Kunsill Governattiv se jkun finalment responsabbli biex jieħu d-deċiżjonijiet iżda jista' jiddeċiedi li jiddelega ċerti kompiti jew setgħa ta' teħid ta' deċiżjonijet lill-bord superviżorju. Il-bord superviżorju se jkun immexxi minn President u Viċi President eletti mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u magħmul minnhom kif ukoll minn erba' rappreżentanti tal-BĊE u rappreżentant wieħed ta' kull bank ċentrali nazzjonali jew awtorità kompetenti nazzjonali oħra.

*4.5.3. Skambju ta' informazzjoni*

Għall-eżerċitar tal-kompiti superviżorji tiegħu, il-BĊE se jkun soġġett għar-rekwiżiti tas-segretezza professjonali previsti fil-leġiżlazzjoni bankarja tal-UE u se jkun jista' jwettaq skambju tal-informazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dik il-leġiżlazzjoni.

### 4.6. Dħul fis-seħħ u rieżami

Minħabba l-urġenza tal-istabbiliment ta' MSU effikaċi, ir-Regolament se jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2013. Biex jiġi żgurat bidu mingħajr xkiel tal-mekkaniżmu huwa previst approċċ ta' introduzzjoni gradwali, li jipprovdi għall-possibbiltà għall-BĊE mill-1 ta' Jannar 2013 biex japplika l-kompiti superviżorji tiegħu fuq kwalunkwe bank, b'mod partikoalri banek li rċevew jew talbu assistenza finanzjarja pubblika, filwaqt li l-istituzzjonijiet ta' kreditu l-aktar sinifikanti ta' importanza sistemika Ewropea għandhom jiġu soġġetti għas-superviżjoni tal-BĊE mill-1 ta' Lulju 2013. Il-BĊE se jieħu l-kariga sħiħa tal-kompiti tiegħu b'rabta mal-banek l-oħra kollha mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2014.

Huwa mistenni li d-Direttiva dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment u r-Regolament dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti tal-investiment proposti mill-Kummissjoni fl-20 ta' Lulju 2011 (il-pakkett DRK IV)[1] se jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2013 u l-BĊE għalhekk se jkun jista' jeżerċita l-kompiti superviżorji tiegħu abbażi ta' dawk l-atti. Madankollu jekk dan ma jkunx il-każ, dispożizzjoni tranżizzjonali speċifika tippermetti li l-BĊE jwettaq il-kompiti tiegħu abbażi tad-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (DRK III) biss.

Sal-1 ta' Jannar 2016, il-Kummissjoni se tippubblika rapport dwar l-esperjenzi miksuba bl-operat tal-MSU u l-proċeduri stipulati f'dan ir-Regolament.

## 5. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Din il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjon, peress li skont it-Trattat il-baġit tal-BĊE ma jagħmilx parti mill-baġit tal-Unjoni.

[1] COM(2011)452 u COM(2011)453 tal-20 ta' Lulju 2011.

2012/0242 (CNS)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL

## li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l Artikolu 127(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[2]

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew[3]

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġiżlattiva speċjali

Billi:

(1) Tul l-aħħar deċennji, l-Unjoni għamlet progress konsiderevoli fil-ħolqien ta' suq intern għas-servizzi bankarji. Konsegwentement, f'bosta Stati Membri, il-gruppi bankarji li għandhom il-kwartieri ġenerali tagħhom stabbiliti fi Stati Membri oħra għandhom sehem sinifikanti tas-suq, u l-istituzzjonijiet ta' kreditu ddiversifikaw l-operat tagħhom b'mod ġeografiku, speċjalment fiż-Żona tal-euro.

(2) Sabiex fl-Unjoni jitrawwem irkupru ekonomiku, huwa essenzjali li s-suq intern għas-servizzi bankarji jinżamm u jikber iżjed. Madankollu dan huwa dejjem aktar ta' sfida. L-evidenza turi li l-integrazzjoni tas-swieq bankarji fl-Unjoni qed tieqaf.

(3) Fl-istess ħin is-superviżuri jridu jżidu l-iskrutinju superviżorju tagħhom biex iqisu l-esperjenza mill-kriżi finanzjarja matul dawn l-aħħar snin, u jkunu jistgħu jissorveljaw istituzzjonijiet u swieq kumplessi u interkonnessi ħafna.

(4) Il-kompetenza għas-superviżjoni ta' banek individwali fl-Unjoni għadha fil-biċċa l-kbira fil-livell nazzjonali. Dan jillimita l-effikaċja tas-superviżjoni u l-ħila tas-superviżuri biex jilħqu fehim komuni dwar is-solidità tas-settur bankarju fl-Unjoni kollha. Biex jitħarsu u jiżdiedu l-effetti pożittivi tal-integrazzjoni tas-suq fuq it-tkabbir u l-benessri, l-integrazzjoni tar-responsabbiltajiet superviżorji għandhom għalhekk jissaħħu.

2 ĠU C , , p. .
3 ĠU C , , p. .

(5) Is-solidità tal-istituzzjonijiet ta' kreditu ħafna drabi għadha marbuta mill-qrib mal-Istat Membru li fiha tkun stabbilita. Dubji dwar is-sostenibbiltà ta' dejn pubbliku, prospetti ta' tkabbir ekonomiku, u l-vijabbiltà tal-istituzzjonijiet ta' kreditu ilhom joħolqu tendenzi tas-suq negattivi u li jirrinforzaw lil xulxin. Dan jista' jwassal għal riskji għall-vijabbiltà ta' wħud mill-istituzzjonijiet ta' kreditu kif ukoll għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja, u jistgħu jimponu piż tqil fuq il-finanzi pubbliċi diġà batuti tal-Istati Membri kkonċernati. Il-problema timponi riskji speċifiċi fiż-Żona tal-euro, fejn il-munita unika żżid il-probabbiltà li żviluppi negattivi fi Stat Membru wieħed ikunu jistgħu joħolqu riskji għall-iżvilupp ekonomiku u l-istabbiltà taż-Żona tal-euro kollha.

(6) L-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE), stabbilita fl-2011 bir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea),[4] u s-Sistema Ewropea tas-Superviżjoni Finanzjarja stabbiliti bl-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament u tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (AEAPX)[5], u r-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (AETS)[6] tejbu b'mod sinifikanti l-kooperazzjoni bejn is-superviżuri bankarji fl-Unjoni. L-ABE qed tagħti kontributi importanti għall-ħolqien ta' ġabra unika ta' regoli għas-servizzi finanzjarji fl-Unjoni, u kienet kruċjali fl-implimentazzjoni b'mod konsistenti tar-rikapitalizzazzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu maġġuri fl-Unjoni maqbula mill-Kunsill Ewropew f'Ottubru 2011.

(7) Il-Parlament Ewropew talab f'diversi okkażjonijiet biex korp Ewropew ikun direttament responsabbli għal ċerti kompiti superviżorji fuq istituzzjonijiet finanzjarji, inizjalment fir-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-13 ta' April 2000 dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-qafas għas-swieq finanzjarji: Pjan ta' Azzjoni,[7] u tal-21 ta' Novembru 2002 dwar regoli ta' superviżjoni prudenzjali fl-Unjoni Ewropea[8].

(8) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-29 ta' Ġunju 2012 stiednu lill-President tal-Kunsill Ewropew jiżviluppa pjan direzzjonali għall-kisba ta' Unjoni Ekonomika u Monetarja ġenwina. Fl-istess jum, is-Summit tal-Kapijiet tal-Istat jew tal-Gvern taż-Żona tal-euro indika li meta jiġi stabbilit mekkaniżmu superviżorju uniku effikaċi li jinvolvi l-BĊE għall-banek fiż-żona tal-euro, il-MES jista', b'segwitu għal deċiżjoni regolari, ikollu l-possibbiltà li jirrikapitalizza l-banek direttament, abbażi ta' kundizzjonalità xierqa, inkluża konformità mar-regoli ta' għajnuna mill-Istat.

(9) Unjoni bankarja Ewropea għandha għalhekk tiġi stabbilita, sostnuta b'ġabra unika ta' regoli għas-servizzi finanzjarji għas-Suq Uniku kollu u magħmula minn mekkaniżmu superviżorju uniku, u qafas komuni ta' assigurazzjoni tad-depożiti u ta' riżoluzzjoni. . Fid-dawl tal-konnessjonijiet mill-qrib u l-interazzjonijiet bejn l-Istati Membri li qed jipparteċipaw fil-munita komuni, l-unjoni bankarja għandha tkun tapplika tal-anqas għall-Istati Membri kollha taż-Żona tal-euro. Bl-għan li s-suq intern jinżamm u jitwessa', u sal-estent li dan huwa possibbli istituzzjonalment, l-unjoni bankarja għandha wkoll tkun miftuħa għall-parteċipazzjoni ta' Stati Membri oħra.

---

[4] ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12.
[5] ĠU L 331, 15.12.2010, p. 37.
[6] ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84.
[7] ĠU C 40, 7.2.2001, p. 453.
[8] ĠU C 25 E, 29.1.2004, p. 394.

(10) Bħala l-ewwel pass lejn unjoni bankarja, mekkaniżmu superviżorju uniku għandu jiżgura li l-politika tal-Unjoni relatata mas-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tiġi implimentata b'mod koerenti u effikaċi, li l-ġabra unika ta' regoli għas-servizzi finanzjarji tiġi applikata b'mod ugwali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu fl-Istati Membri kollha kkonċernati, u li dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkunu soġġetti għal superviżjoni tal-ogħla kwalità, li ma tkunx ristretta minn kunsiderazzjonijiet oħra mhux prudenzjali. Mekkaniżmu superviżorju uniku huwa l-bażi għall-passi li jmiss lejn l-unjoni bankarja. Dan jirrifletti l-prinċipju li kwalunkwe introduzzjoni ta' mekkaniżmi ta' intervent komuni f'każ ta' kriżijiet għandu jiġi ppreċedut minn kontrolli komuni li jnaqqsu l-probabbiltà li jkollhom jintużaw mekkaniżmi ta' intervent.

(11) Bħala l-bank ċentrali taż-Żona tal-euro b'għarfien espert estensiv fi kwistjonijiet makroekonomiċi u ta' stabbiltà finanzjarja, il-BĊE jinsab f'pożizzjoni tajba biex iwettaq kompiti superviżorji li jiffukaw fuq il-protezzjoni tal-istabbiltà tas-sistema finanzjarja Ewropea. Fil-fatt f'bosta Stati Membri, il-Banek Ċentrali diġà huma responsabbli għas-superviżjoni bankarja. Il-BĊE għandu għalhekk jiġi kkonferit kompiti speċifiċi fir-rigward tal-politiki relatati mas-superviżjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-Żona tal-euro.

(12) Il-BĊE għandu jiġi kkonferit dawk il-kompiti superviżorji speċifiċi li huma kruċjali biex tiġi żgurata implimentazzjoni koerenti u effikaċi tal-politika tal-Unjoni li tirrigwarda s-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, filwaqt li kompiti oħrajn għandhom jibqgħu f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali. Il-kompiti tal-BĊE għandhom jinkludu miżuri meħuda biex tintlaħaq stabbiltà makroprudenzjali.

(13) Is-sikurezza u s-solidità tal-banek il-kbar huma essenzjali biex tiġi żgurata l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja. Madankollu, esperjenza reċenti turi li l-banek iż-żgħar jistgħu wkoll ikunu ta' riskju għall-istabbiltà finanzjarja. Għalhekk, il-BĊE għandu jkun jista' jeżerċita kompiti superviżorji fir-rigward tal-banek kollha tal-Istati Membri parteċipanti.

(14) Awtorizzazzjoni preliminari għall-operat ta' istituzzjonijiet ta' kreditu hija teknika prudenzjali essenzjali biex jiġi żgurat li dawk l-attivitajiet jitwettqu biss minn operaturi b'bażi ekonomika soda, b'organizzazzjoni kapaċi tittratta r-riskji speċifiċi inerenti għat-teħid ta' depożiti u l-provvediment ta' krediti, u b'diretturi xierqa. Il-BĊE għandu għalhekk ikollu l-kompitu li jawtorizza lill-istituzzjonijiet ta' kreditu u għandu jkun responsabbli għall-irtirar tal-awtorizzazzjonijiet.

(15) Minbarra l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-atti leġiżlattivi tal-Unjoni għall-awtorizzazzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-każijiet għall-irtirar ta' dawn l-awtorizzazzjonijiet, l-Istati Membri jistgħu attwalment jipprovdu għal kundizzjonijiet ulterjuri għall-awtorizzazzjoni u għal każijiet ta' rtirar ta' awtorizzazzjoni. Il-BĊE għandu għalhekk iwettaq il-kompitu tiegħu li jawtorizza lill-istituzzjonijiet ta' kreditu u li jirtira l-awtorizzazzjoni f'każ ta' nonkonformità ma' liġi nazzjonali fuq proposta mill-awtorità kompetenti nazzjonali rilevanti, li tivvaluta l-konformità mal-kundizzjonijiet rilevanti stabbiliti bil-liġi nazzjonali.

(16) Valutazzjoni tal-adegwatezza ta' kwalunkwe sid ġdid qabel ix-xiri ta' interess sinifikanti f'istituzzjoni ta' kreditu hija għodda indispensabbli biex tiġi żgurata l-adegwatezza kontinwa u s-solidità finanzjarja tas-sidien ta' istituzzjonijiet ta' kreditu.

Il-BĊE bħala istituzzjoni tal-Unjoni jinsab f'pożizzjoni tajba biex iwettaq valutazzjoni bħal din mingħajr ma jimponi restrizzjonijiet żejda fuq is-suq intern. Il-BĊE għandu jkollu l-kompitu li jivvaluta l-akwiżizzjoni u d-disponiment ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji sinifikanti f'istituzzjonijiet ta' kreditu.

(17) Konformità mar-regoli tal-Unjoni li jeżiġu li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkollhom ċerti livelli ta' kapital kontra riskji inerenti għall-operat tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, li jillimitaw id-daqs tal-iskoperturi għal kontropartijiet individwali, li jiddivulgaw pubblikament informazzjoni dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, li jiddisponu minn biżżejjed assi likwidi biex jifilħu għal sitwazzjonijiet ta' stress tas-suq, u li jillimitaw l-ingranaġġ hija prerekwiżit għas-solidità prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu. Il-BĊE għandu jkollu l-kompitu li jiżgura konformità ma' dawk ir-regoli u biex jistabbilixxi rekwiżiti prudenzjali ogħla u japplika miżuri addizzjonali għal istituzzjonijiet ta' kreditu fil-każijiet speċifikament stabbiliti fl-atti tal-Unjoni.

(18) Bafers kapitali addizzjonali, inkluż bafer ta' konservazzjoni tal-kapital u bafer kapitali kontroċikliku biex jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jakkumulaw matul perjodi ta' tkabbir ekonomiku bażi kapitali suffiċjenti biex jassorbu t-telf f'perjodi ta' stress, humu għodod prudenzjali essenzjali biex tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' assorbenza ta' telf adegwata. Il-BĊE għandu jkollu l-kompitu jimponi dawn il-bafers u jiżgura li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jikkonformaw magħhom.

(19) Is-sikurezza u s-solidità ta' istituzzjoni ta' kreditu jiddependu wkoll mill-allokazzjoni ta' kapital intern adegwat, fejn jitqiesu r-riskji li tista' tkun esposta għalihom, u mid-disponibbiltà ta' strutturi xierqa ta' organizzazzjoni interna u arranġamenti ta' governanza korporattiva. Il-BĊE għandu għalhekk ikollu l-kompitu li japplika rekwiżiti li jiżguraw li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkollhom implimentat arranġamenti, proċessi u mekkaniżmi ta' governanza sodi, inklużi strateġiji u proċessi għall-valutazzjoni u ż-żamma tal-adegwatezza tal-kapital intern tagħhom. F'każ ta' nuqqasijiet għandu jkollu wkoll il-kompitu li jimponi miżuri xierqa inklużi rekwiżiti speċifiċi ta' fondi proprji addizzjonali, rekwiżiti speċifiċi ta' pubblikazzjoni, u rekwiżiti speċifiċi ta' likwidità.

(20) Riskji għas-sikurezza u s-solidità ta' istituzzjoni ta' kreditu jistgħu jokkorru kemm fil-livell ta' istituzzjoni ta' kreditu individwali kif ukoll fil-livell ta' grupp bankarju jew ta' konglomerat finanzjarju. Arranġamenti superviżorji speċifiċi biex jimmitigaw dawn ir-riskji huma importanti biex jiġu żgurati s-sikurezza u s-solidità tal-istituzzjonijiet ta' kreditu. Minbarra s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu individwali, il-kompiti tal-BĊE għandhom jinkludu superviżjoni fil-livell konsolidat, superviżjoni supplementari, superviżjoni ta' kumpaniji holding finanzjarji u superviżjoni ta' kumpaniji holding finanzjarji mħallta.

(21) Sabiex tiġi ppreżervata l-istabbiltà finanzjarja, id-deterjorament tas-sitwazzjoni finanzjarja u ekonomika ta' istituzzjoni għandha titranġa qabel ma dik l-istituzzjoni tilħaq punt li fih l-awtoritajiet ma jkollhom l-ebda alternattiva oħra għajr li tiġi riżolta. Il-BĊE għandu jkollu l-kompitu jwettaq azzjonijiet ta' intervent bikri kif iddefiniti fil-liġi rilevanti tal-Unjoni. Madankollu għandu jikkoordina l-azzjoni tiegħu ta' intervent bikri mal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni rilevanti. Sa ma jseħħ il-konferiment tas-setgħat ta' riżoluzzjoni fuq korp Ewropew, il-BĊE għandu barra minn hekk jikkoordina b'mod xieraq mal-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati biex jiżgura fehim komuni dwar

ir-responsabbiltajiet rispettivi f'każ ta' kriżijiet, b'mod partikolari fil-kuntest tal-gruppi ta' mmaniġġjar ta' kriżijiet transfruntieri u l-kulleġġi ta' riżoluzzjoni futuri stabbiliti għal dawn l-għanijiet.

(22) Kompiti superviżorji mhux ikkonferiti lill-BĊE għandhom jibqgħu f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali. Dawk il-kompiti għandhom jinkludu s-setgħa li jirċievu notifiki mill-istituzzjonijiet ta' kreditu b'rabta mad-dritt ta' stabbiliment u l-provvediment ħieles ta' servizzi, is-superviżjoni tal-korpi li mhumiex koperti bid-definizzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu skont il-liġi tal-Unjoni iżda li huma taħt superviżjoni bħala istituzzjonijiet ta' kreditu skont il-liġi nazzjonali, li jwettqu superviżjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu minn pajjiżi terzi li jistabbilixxu fergħa jew li jipprovdu servizzi transfruntieri fl-Unjoni, li jwettqu superviżjoni ta' servizzi ta' pagamenti, li jwettqu l-verifiki tal-istituzzjonijiet ta' kreditu ġurnata b'ġurnata, li jwettqu l-funzjoni ta' awtoritajiet kompetenti fuq istituzzjonijiet ta' kreditu b'rabta mas-swieq fl-istrumenti finanzjarji u l-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-fini ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu.

(23) Il-BĊE għandu jwettaq il-kompiti kkonferiti lilu bl-għan li jiżgura s-sikurezza u s-solidità tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni u l-unità u l-integrità tas-Suq Intern, biex b'hekk jiżgura wkoll il-protezzjoni tad-depożituri u jtejjeb il-funzjonament tas-Suq Intern, skont il-ġabra unika ta' regoli għas-servizzi finanzjarji fl-Unjoni.

(24) Il-konferiment ta' kompiti superviżorji lill-BĊE għal uħud mill-Istati Membri għandu jkun konsistenti mal-qafas tas-Sistema Ewropea tas-Superviżjoni Finanzjarja (SESF) stabbilita fl-2010 u l-għan sottostanti tagħha li tiżviluppa l-ġabra unika ta' regoli u ssaħħaħ il-konverġenza ta' prattiki superviżorji fl-Unjoni kollha. Il-kooperazzjoni bejn is-superviżuri bankarji u s-superviżuri tal-assigurazzjoni u s-swieq tat-titoli hija importanti biex tittratta kwistjonijiet ta' interess komuni u biex tiġi żgurata superviżjoni xierqa tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li joperaw ukoll fis-setturi tal-assigurazzjoni u t-titoli. Il-BĊE għandu għalhekk ikun meħtieġ jikkoopera mill-qrib mal-ABE, l-Awtorità Ewropea tat-Titotli u s-Swieq u l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol, fil-qafas tal-EFSF.

(25) Sabiex tiġi żgurata konsistenza bejn ir-responsabbiltajiet superviżorji kkonferiti lil BĊE u t-teħid tad-deċiżjonijiet fl-ABE, il-BĊE għandu jikkoordina pożizzjoni komuni bejn ir-rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri parteċipanti b'rabta ma' kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza tiegħu.

(26) Il-BĊE għandu jwettaq il-kompiti tiegħu soġġett għal kwalunkwe regola tal-liġi tal-Unjoni u f'konformità magħha inklużi l-liġi tal-Unjoni primarja u sekondarja kollha, id-deċiżjonijet tal-Kummissjoni fil-qasam tal-għajnuniet mill-Istat, ir-regoli dwar il-kompetizzjoni u l-kontroll tal-fużjonijiet u l-ġabra unika ta' regoli li tapplika għall-Istati Membri kollha. L-ABE hija fdata bil-kompitu li tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi u linji gwida u rakkomandazzjonijiet li jiżguraw konverġenza superviżorja u konsistenza ta' eżiti superviżorji fl-Unjoni. Il-BĊE ma għandux jissostitwixxi l-eżerċitar ta' dawn il-kompiti mill-ABE, u għandu għalhekk jeżerċita setgħat biex jadotta r-regolamenti skont l-Artikolu 132 tat-TFUE biss fejn atti tal-Unjoni adottati mill-Kummissjoni Ewropea fuq abbozzi żviluppati mill-ABE jew linji gwida u rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-ABE ma jittrattawx ċerti aspetti meħtieġa għall-eżerċitar xieraq tal-kompiti tal-BĊE jew ma jittrattawhomx fid-dettall biżżejjed.

(27) Sabiex jiġi żgurat li r-regoli u d-deċiżjonijiet superviżorji jiġu applikati mill-istituzzjonijiet ta' kreditu, mill-kumpaniji holding finanzjarji u mill-kumpaniji holding finanzjarji mħallta, sanzjonijiet effikaċi, proporzjonati u dissważivi għandhom jiġu imposti f'każ ta' ksur. Skont l-Artikolu 132(3) tat-TFUE u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2532/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-poteri tal-Bank Ċentrali Ewropew li jimponi sanzjonijiet[9], il-BĊE huwa intitolat jimponi multi jew ħlasijiet perjodiċi ta' penali fuq l-impriżi meta jonqsu milli jikkonformaw mal-obbligi skont ir-regolamenti u d-deċiżjonijiet tiegħu. Barra minn hekk, sabiex il-BĊE jkun jista' jwettaq b'mod effikaċi l-kompiti tiegħu relatati mal-infurzar tar-regoli superviżorji stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni direttament applikabbli, il-BĊE għandu jingħata s-setgħa li jimponi sanzjonijiet pekunarji fuq istituzzjonijiet ta' kreditu, kumpaniji holding finanzjarji u kumpaniji holding finanzjarji mħallta għal ksur ta' tali regoli. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jibqgħu jistgħu japplikaw sanzjonijiet f'każ ta' nuqqas ta' konformità ma' obbligi li joriġinaw mil-liġi nazzjonali li tittrasponi d-Direttivi tal-Unjoni. Meta l-BĊE jqis li jkun xieraq biex iwettaq il-kompiti tiegħu li tiġi applikata sanzjoni għal tali ksur, għandu jkun jista' jirreferi l-kwistjoni lill-awtoritajiet nazzjonali għal dawk l-għanijiet.

(28) Is-superviżuri nazzjonali għandhom għarfien espert importanti u li ilu stabbilit fis-superviżjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu fit-territorju tagħhom u l-ispeċifiċitajiet ekonomiċi, organizzazzjonali u kulturali tagħhom. Stabbilixxew korp kbir ta' persunal iddedikat u bi kwalifiki għoljin għal dawn l-għanijiet. Għalhekk, sabiex tiġi żgurata superviżjoni Ewropea ta' kwalità għolja, is-superviżuri nazzjonali għandhom jassistu lill-BĊE fit-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe att relatat mal-eżerċitar tal-kompiti superviżorji tal-BĊE. Dan għandu jinkludi b'mod partikolari valutazzjoni kontinwa ġurnata b'ġurnata tas-sitwazzjoni tal-bank u relatata ma' verifiki fuq il-post.

(29) Fir-rigward tas-superviżjoni ta' banek transfruntieri attivi kemm fiż-Żona tal-euro u barra minnha, l-BĊE għandu jikkoopera mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri mhux parteċipanti. Bħala awtorità kompetenti l-BĊE għandu jkun soġġett għall-obbligi relatati biex jikkoopera u jiskambja informazzjoni skont il-liġi tal-Unjoni u għandu jipparteċipa bis-sħiħ fil-kulleġġi tas-superviżuri. Barra minn hekk, peress li l-eżerċitar tal-kompiti superviżorji minn istituzzjoni Ewropea jġib benefiċċji ċari f'termini ta' stabbiltà finanzjarja u integrazzjoni sostenibbli tas-suq, l-Istati Membri mhux parteċipanti fil-munita komuni għandu għalhekk ikollhom ukoll il-possibbiltà li jipparteċipaw fil-mekkaniżmu l-ġdid. Madankollu, prekundizzjoni meħtieġa għall-eżerċitar effikaċi tal-kompiti superviżorji hija li d-deċiżjonijiet superviżorji jiġu implimentati bis-sħiħ u mingħajr dewmien. L-Istati Membri li jixtiequ jipparteċipaw fil-mekkaniżmu l-ġdid għandhom għalhekk jintrabtu li jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali tagħhom se jirrispettaw u jadottaw kwalunkwe miżura b'rabta mal-istituzzjonijiet ta' kreditu mitluba mill-BĊE. Il-BĊE għandu jkun jista' jistabbilixxi kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membri mhux parteċipanti fil-munita komuni. Għandu jkun obbligat jistabbilixxi l-kooperazzjoni meta l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament jiġu ssodisfati. Il-kundizzjonijiet li skonthom ir-rappreżentanti tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li stabbilixxew kooperazzjoni mill-qrib jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-Bord Superviżorju għandhom jippermettu l-akbar involviment possibbli ta' dawk ir-rappreżentanti filwaqt li jitqiesu l-limiti skont l-Istatut tal-SEBĊ u tal-BĊE, b'mod partikolari fir-rigward tal-integrità tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tiegħu.

[9] ĠU L 318, 27.11.98, p. 4.

(30) Sabiex iwettaq il-kompiti tiegħu, il-BĊE għandu jkollu setgħat superviżorji xierqa. Il-liġi tal-Unjoni dwar is-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu tipprovdi għal ċerti setgħat li għandhom jiġu kkonferiti lill-awtoritajiet kompetenti maħtura mill-Istati Membri għal dawk l-għanijiet. Safejn dawk is-setgħat jaqgħu fl-ambitu tal-kompiti superviżorji kkonferiti lill-BĊE, għall-Istati Membri parteċipanti l-BĊE għandu jitqies l-awtorità kompetenti u għandu jkollu s-setgħat ikkonferiti lill-awtoritajiet kompetenti bil-liġi tal-Unjoni. Dan jinkludi setgħat ikkonferiti b'dawk l-atti lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tad-domiċilju u dawk ospitanti u s-setgħat ikkonferiti lill-awtoritajiet maħtura.

(31) Sabiex iwettaq il-kompiti tiegħu b'mod effikaċi, il-BĊE għandu jkun jista' jeżiġi l-informazzjoni kollha meħtieġa, u jkun jista' jwettaq investigazzjonijiet u spezzjonijiet fuq il-post. Dawn is-setgħat għandhom japplikaw għall-entitajiet li ssirilhom superviżjoni, għall-persuni involuti fl-attivitajiet ta' dawk l-entitajiet u l-partijiet terzi relatati, partijiet terzi li dawk l-entitajiet ikunu esternalizzawlhom funzjonijiet operazzjonali jew attivitajiet u persuni li b'xi mod ieħor ikunu relatati jew konnessi mill-qrib u b'mod sostanzjali mal-attivitajiet ta' dawk l-entitajiet, inkluż il-persunal ta' entità li ssirilha superviżjoni li ma jkunx direttament involut fl-attivitajiet tagħha iżda li, minħabba l-funzjoni tiegħu fl-entità, jista' jkollu informazzjoni importanti dwar kwistjoni speċifika u ditti li pprovdew servizzi lil dawk l-entitajiet. Il-BĊE għandu jkun jista' jeżiġi informazzjoni permezz ta' talba sempliċi li skontha d-destinatarju mhuwiex obbligat li jipprovdi l-informazzjoni, iżda, fil-każ li jagħmel dan b'mod volontarju, l-informazzjoni pprovduta ma għandhiex tkun inkorretta jew qarrieqa u għandha tingħata mingħajr dewmien. Il-BĊE għandu jkun jista' wkoll jeżiġi informazzjoni permezz ta' deċiżjoni.

(32) Meta l-istituzzjonijiet ta' kreditu jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' stabbiliment jew li jipprovdu servizzi fi Stat Membru ieħor, jew fejn bosta entitajiet fi grupp ikunu stabbiliti fi Stati Membri differenti, il-liġi tal-Unjoni tipprovdi għal proċeduri speċifiċi u għall-attribuzzjoni ta' kompetenzi bejn l-Istati Membri kkonċernati. Sal-punt li l-BĊE jassumi ċerti kompiti superviżorji għall-Istati Membri parteċipanti kollha, dawk il-proċeduri u attribuzzjonijiet ma għandhomx japplikaw għall-eżerċitar tad-dritt tal-istabbiliment jew li jiġu pprovduti servizzi fi Stat Membru parteċipanti ieħor.

(33) Fil-proċeduri tiegħu tat-teħid tad-deċiżjonijiet, il-BĊE għandu jkun marbut bir-regoli u l-prinċipji ġenerali tal-Unjoni dwar proċess ġust u trasparenza. Id-dritt li d-destinatarji tad-deċiżjonijiet tal-BĊE jinstemgħu għandu jiġi rrispettat b'mod sħiħ.

(34) Il-konferiment tal-kompiti superviżorji jimplika responsabbiltà sinifikanti għall-BĊE biex jissalvagwardja l-istabbiltà finanzjarja fl-Unjoni, u biex juża s-setgħat superviżorji tiegħu b'mod mill-aktar effikaċi u proporzjonat. Il-BĊE għandu għalhekk jagħti kont tal-eżerċitar ta' dawn il-kompiti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-Ministri rispettivament, bħala istituzzjonijiet demokratikament leġitimizzati li jirrappreżentaw lill-poplu Ewropew u lill-Istati Membri tal-UE, kif ukoll lill-Grupp tal-euro. Dak għandu jinkludi rapportar regolari u t-tweġibiet ta' mistoqsijiet. Meta s-superviżuri nazzjonali jieħdu azzjoni skont dan ir-Regolament, għandhom jibqgħu japplikaw l-arranġamenti ta' responsabbiltà pprovduti skont il-liġi nazzjonali.

(35) Il-BĊE huwa responsabbli għat-twettiq ta' funzjonijiet ta' politika monetarja bl-għan li tinżamm l-istabbiltà tal-prezzijiet skont l-Artikolu 127(1) tat-TFUE. L-eżerċitar ta' kompiti superviżorji għandu l-għan li jipproteġi s-sikurezza u s-solidità tal-

istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja. Sabiex jiġu evitati kunflitti ta' interess u biex jiġi żgurat li kull funzjoni tiġi eżerċitata skont l-għanijiet applikabbli, il-BĊE għandu jiżgura li jitwettqu b'mod totalment separat.

(36) B'mod partikolari, bord superviżorju responsabbli mit-tħejjija tad-deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet superviżorji għandu jiġi stabbilit mal-BĊE u jinkludi l-għarfien espert speċifiku tas-superviżuri nazzjonali. Il-bord għandu għalhekk ikun ippresedut minn President u Viċi President eletti mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u magħmul, barra minnhom, minn rappreżentanti mill-BĊE u mill-awtoritajiet nazzjonali. Biex ikun hemm rotazzjoni xierqa filwaqt li tiġi żgurata l-indipendenza sħiħa tal-President u tal-Viċi President, it-terminu tagħhom ma għandux jaqbeż ħames snin u ma għandux ikun rinnovabbli. Biex tiġi żgurata koordinazzjoni sħiħa mal-attivitajiet tal-ABE u mal-politiki prudenzjali tal-Unjoni, l-ABE u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ikunu osservaturi fil-bord superviżorju. Il-prestazzjoni tal-kompiti superviżorji kkonferiti lill-BĊE teżiġi l-adozzjoni ta' għadd kbir ta' atti u deċiżjonijiet teknikament kumplessi, inklużi deċiżjonijiet dwar istituzzjonijiet ta' kreditu individwali. Sabiex iwettaq dawk il-kompiti b'mod effikaċi skont il-prinċipju tas-separazzjoni minn kompiti relatati mal-politika monetarja, il-Kunsill Governattiv tal-BĊE għandu jkun jista' jiddelega ċerti kompiti superviżorji ddefiniti b'mod ċar u deċiżjonijiet relatati lill-bord superviżorju, soġġett għas-sorveljanza u responsabbiltà tal-Kunsill Governattiv, li jista' jagħti struzzjonijiet u direzzjonijiet lil dak il-korp. Il-bord superviżorju jista' jkun appoġġat minn kumitat ta' tmexxija b'kompożizzjoni aktar limitata.

(37) Il-bord superviżorju u l-persunal tal-BĊE li jwettqu d-dmirijiet superviżorji għandhom ikunu soġġetti għal rekwiżiti xierqa ta' segretezza professjonali. Rekwiżiti simili għandhom japplikaw għall-iskambju tal-informazzjoni mal-persunal tal-BĊE mhux involut f'attivitajiet superviżorji. Dan ma għandux jipprevjeni lill-BĊE milli jiskambja informazzjoni fil-limiti u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, inkluż mal-Kummissjoni Ewropea għall-finijiet tal-kompiti tagħha skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE u skont il-liġi tal-Unjoni dwar sorveljanza ekonomika u baġitarja msaħħa.

(38) Sabiex iwettaq il-kompiti superviżorji tiegħu b'mod effikaċi, il-BĊE għandu jeżerċita l-kompiti superviżorji kkonferiti lilu b'indipendenza sħiħa, b'mod partikolari minn influwenza politika żejda u minn interferenza min-naħa tal-industrija li jaffettwaw l-indipendenza operazzjonali tiegħu.

(39) Sabiex iwettaq il-kompiti superviżorji tiegħu b'mod effikaċi, il-BĊE għandu jiddisponi minn riżorsi adegwati. Dawk ir-riżorsi għandhom jinkisbu b'mod li jiżgura l-indipendenza tal-BĊE minn influwenzi żejda min-naħa tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-parteċipanti fis-suq, u l-firda bejn il-politika monetarja u l-kompiti superviżorji. Il-kostijiet tas-superviżjoni għandhom jiġġarrbu primarjament mill-entitajiet soġġetti għaliha. Għalhekk, l-eżerċitar tal-kompiti superviżorji mill-BĊE għandu jiġi ffinanzjat tal-anqas parzjalment mit-tariffi li jintalbu lill-istituzzjonijiet ta' kreditu. Fid-dawl tat-trasferiment ta' kompiti superviżorji sinifikanti mingħand l-awtoritajiet nazzjonali lill-BĊE huwa mistenni li kwalunkwe tariffa dovuta għas-superviżjoni fil-livell nazzjonali tista' titnaqqas kif xieraq.

(40) Persunal li jkun immotivat ħafna, imħarreġ sew u imparzjali huwa indispensabbli għal superviżjoni effikaċi. Sabiex jinħoloq mekkaniżmu superviżorju realment integrat, għandu jkun previst skambju xieraq u sekondar ta' persunal mas-superviżuri

nazzjonali u l-BĊE kif ukoll bejniethom. Fejn meħtieġ biex jiġu evitati kunflitti ta' interess, b'mod partikolari fis-superviżjoni ta' banek kbar, il-BĊE għandu jkun jista' jitlob li t-timijiet superviżorji nazzjonali jinvolvu wkoll persunal minn awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri parteċipanti oħra.

(41) Meta jitqiesu l-globalizzazzjoni tas-servizzi bankarji u l-importanza dejjem ikbar tal-istandards internazzjonali, il-BĊE għandu jwettaq il-kompiti tiegħu skont l-istandards internazzjonali u bi djalogu u b'kooperazzjoni mill-qrib mas-superviżuri barra l-Unjoni, mingħar ma jiġi dduplikat ir-rwol internazzjonali tal-ABE. Għandu jingħata s-setgħa li jiżviluppa kuntatti u jidħol f'arranġamenti amministrattivi mal-awtoritajiet superviżorji u l-amministrazzjonijiet ta' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, soġġett għal koordinazzjoni mal-ABE u filwaqt li jirrispetta bis-sħiħ ir-rwoli eżistenti u l-kompetenzi rispettivi tal-Istati Membri u tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

(42) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta[10] u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta[11] huma applikabbli b'mod sħiħ għall-ipproċessar ta' dejta personali għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

(43) Ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)[12] japplika għall-BĊE. Il-BĊE aderixxa wkoll mal-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej rigward l-investigazzjonijiet interni mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi.

(44) Sabiex jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkunu soġġetti għal superviżjoni tal-ogħla kwalità, li ma tkunx ristretta minn kunsiderazzjonijiet oħra mhux prudenzjali u li l-impatti negattivi tas-suq li jirrinforzaw lil xulxin u li jikkonċernaw il-banek u l-Istati Membri jiġu indirizzati fil-ħin u b'mod effikaċi, il-BĊE għandu mill-aktar fis jibda jwettaq kompiti superviżorji speċifiċi. Madankollu, it-trasferiment tal-kompiti superviżorji mis-superviżuri nazzjonali lill-BĊE jeżiġi ċertu ammont ta' tħejjija. Għalhekk, għandu jkun previst perjodu xieraq ta' introduzzjoni gradwali. L-għadd ta' banek soġġetti għas-superviżjoni tal-BĊE għandu jiżdied b'mod progressiv, filwaqt li titqies ir-rilevanza tas-superviżjoni ta' dawk il-banek biex tiġi żgurata l-istabbiltà finanzjarja. Bħala l-ewwel pass il-BĊE għandu jkun jista' japplika l-kompiti superviżorji tiegħu għal kwalunkwe bank, b'mod partikolari għal banek li rċevew jew talbu assistenza finanzjarja pubblika. Bħala t-tieni pass, il-banek ta' importanza sistemika Ewropea kif rifless fl-iskoperturi totali tagħhom u l-attivitajiet transġurisdizzjonali tagħhom għandhom ikunu koperti. L-iskoperturi totali għandhom jiġu kkalkulati fid-dawl tal-metodoloġiji ddefiniti fil-ftehim Basel III tal-Kumitat ta' Basel dwar is-Supeviżuri Bankarji dwar il-kalkolu tal-proporzjoni ta' ingranaġġ u dwar id-definizzjoni ta' kapital tal-grad 1 ta' ekwità komuni. Il-proċess ta'

[10] ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.
[11] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.
[12] ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1.

introduzzjoni gradwali għandu jitlesta mhux aktar tard minn sena mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(45) Il-qafas attwali ta' rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni supplementari ta' konglomerati finanzjarji huwa magħmul minn Direttivi li jipprovdu għadd sinifikanti ta' għażliet u diskrezzjonijiet għall-Istati Membri meta jiċċirkonskrivu s-setgħat ta' awtoritajiet kompetenti. Sa ma jiġu adottati l-atti leġiżlattivi l-ġodda tal-Unjoni li jiddefinixxu s-setgħat li l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom direttament u mingħajr referenza għall-għażliet jew id-diskrezzjonijiet tal-Istati Membri, il-BĊE għalhekk ma jista jieħu l-ebda deċiżjoni direttament applikabbli għal istituzzjonijiet ta' kreditu, kumpaniji holding finanzjarji jew kumpaniji holding finanzjarji mħallta. F'din il-fażi tranżizzjonali, il-BĊE għandu għalhekk jeżerċita l-kompiti tiegħu biss billi jagħti struzzjonijiet lill-awtoritajiet kompetenti biex jaġixxu.

(46) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, notevolment id-dritt għall-protezzjoni ta' dejta personali, il-libertà ta' impriża, id-dritt għal rimedju effikaċi u għal smigħ ġust, u għandu jiġi implimentat skont dawk id-drittijiet u l-prinċipji.

(47) Peress li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-istabbiliment ta' qafas effiċjenti u effikaċi għall-eżerċitar ta' kompiti superviżorji speċifiċi fuq l-istituzzjonijiet ta' kreditu minn istituzzjoni tal-Unjoni, u li tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti tal-ġabra unika ta' regoli għall-istituzzjonijiet ta' kreditu, ma jistgħux jintlaħqu fil-livell tal-Istati Membri u jistgħu għalhekk, minħabba l-istruttura pan-Unjonista tas-suq bankarju u l-impatt fuq l-Istati Membri l-oħra tal-fallimenti bankarji, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

# Kapitolu I

# Suġġett u definizzjonijiet

*Artikolu 1*

*Suġġett*

Dan ir-Regolament jikkonferixxi lill-BĊE kompiti speċifiċi fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, bl-għan li jiġu promossi s-sikurezza u s-solidità tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja, fejn jitqiesu b'mod xieraq l-unità u l-integrità tas-suq intern.

*Artikolu 2*

*Definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) “Stat Membru parteċipanti" tfisser Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro;

(2) “awtorità kompetenti nazzjonali” tfisser l-awtorità kompetenti nazzjonali maħtura minn Stati Membri parteċipanti skont id-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Ġunju 2006 rigward il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-istituzzjonijiet ta’ kreditu (tfassil mill-ġdid)[13] u d-Direttiva 2006/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Ġunju 2006 dwar l-adegwatezza tal-kapital ta’ kumpaniji tal-investiment u istituzzjonijiet ta’ kreditu (tfassil mil-ġdid)[14];

(3) “istituzzjonijiet ta’ kreditu” tfisser istituzzjonijiet ta’ kreditu kif iddefinit fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2006/48/KE;

(4) “kumpanija holding finanzjarja” tfisser kumpanija holding finanzjarja kif iddefinita fl-Artikolu 4(19) tad-Direttiva 2006/48/KE;

(5) “kumpanija holding finanzjarja mħallta” tfisser kumpanija holding finanzjarja mħallta kif iddefinit fl-Artikolu 2(15) tad-Direttiva 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar is-superviżjoni supplementari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu dwar impriżi ta' assigurazzjoni u ditti tal-investiment f'konglomerat finanzjarju[15];

(6) “konglomerat finanzjarju” tfisser konglomerat finanzjarju kif iddefinit fl-Artikolu 2(14) tad-Direttiva 2002/87/KE.

# Kapitolu II

# Kooperazzjoni u kompiti

*Artikolu 3*

*Kooperazzjoni*

Il-BĊE għandu jikkoopera mill-qrib mal-Awtorità Bankarja Ewropea, mal-Awtorita Ewropea tat-Titotli u s-Swieq u mal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol u mal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku, li jiffurmaw parti mis-Sistema Ewropea tas-Superviżjoni Finanzjarja stabbiliti bl-Artikolu 2 tar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) 1094/2010, u (UE) Nru 1095/2010.

---

13 ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1.
14 ĠU L 177, 30.6.2006, p. 277.
15 ĠU L 35, 11.2.2003, p. 1-27.

*Artikolu 4*

*Kompiti kkonferiti lill-BĊE*

1. Il-BĊE għandu, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi tal-Unjoni, ikun esklussivament kompetenti biex iwettaq, għal finijiet superviżorji prudenzjali, il-kompiti li ġejjin b'rabta mal-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti:

(a) Biex jawtorizza l-istituzzjonijiet ta' kreditu u jirtira l-awtorizzazzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu;

(b) Biex jivvaluta l-akkwiżizzjonijiet u d-disponimenti tal-parteċipazzjonijiet azzjonarji fl-istituzzjonijiet ta' kreditu;

(c) Biex jiżgura l-konformità ma' kwalunkwe att tal-Unjoni li jimponi rekwiżiti prudenzjali fuq l-istituzzjonijiet ta' kreditu fl-oqsma ta' rekwiżiti ta' fondi proprji, limiti ta' skoperturi kbar, likwidità, ingranaġġ, u rapportar u divulgazzjoni pubblika ta' informazzjoni dwar dawk il-kwistjonijiet;

(d) fil-każijiet speċifikament stabbiliti fl-atti tal-Unjoni biss, biex jistabbilixxi rekwiżiti prudenzjali ogħla u japplika miżuri addizzjonali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu;

(e) Biex jimponi bafers kapitali li jridu jinżammu mill-istituzzjonijiet ta' kreditu minbarra r-rekwiżiti ta' fondi proprji msemmija f'(c), inkluż l-iffissar ta' rati ta' bafers kontroċikliċi u kwalunkwe miżura oħra li jkollha l-għan li tindirizza riskji sistemiċi jew makroprudenzjali fil-każijiet stabbiliti speċifikament f'atti tal-Unjoni;

(f) Biex japplika rekwiżiti għall-istituzzjonijiet ta' kreditu biex jimplimentaw arranġamenti, proċessi u mekkaniżmi sodi ta' governanza u proċessi effikaċi ta' valutazzjoni tal-adegwatezza tal-kapital intern.

(g) Biex jiddetermina jekk l-arranġamenti, l-istratepiji, il-proċessi u l-mekkaniżmi implimentati mill-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-fondi proprji miżmuma minn dawn l-istituzzjonijiet jiżguraw ġestjoni soda u kopertura tar-riskji tagħhom, u abbażi ta' dik l-analiżi superviżorja biex jimpni fuq l-istituzzjonijiet ta' kreditu rekwiżiti speċifiċi addizzjonali ta' fondi proprji, rekwiżiti speċifiċi ta' pubblikazzjoni, rekwiżiti speċifiċi ta' likwidità u miżuri oħra fil-każijiet stabbiliti speċifikament fl-atti tal-Unjoni;

(h) Biex iwettaq testijiet ta' stress superviżorji fuq l-istituzzjonijiet ta' kreditu biex jappoġġa l-analiżi superviżorja;

(i) Biex iwettaq superviżjoni fuq bażi kkonsolidata tal-kumpaniji prinċipali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu f'wieħd mill-Istati Membri parteċipanti, inkluż ta' kumpaniji holding finanzjarji u kumpaniji holding finanzjarji mħallta, u biex jipparteċipa fis-superviżjoni fuq bażi kkonsolidata, inkluż f'kulleġġi ta' superviżuri, b'rabta mal-kumpaniji prinċipali f'wieħed mill-Istati Membri prinċipali;

(j) Biex jipparteċipa f'superviżjoni supplementari ta' konglomerat finanzjarju b'rabta ma' istituzzjonijiet ta' kreditu inklużi fih u jassumi l-kompiti ta' koordinatur meta l-

BĊE jinħatar bħala l-koordinatur għal konglomerat finanzjarju skont il-kriterji stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni rilevanti;

(k) Biex iwettaq kompiti superviżorji b'rabta ma' intervent bikri meta istituzzjoni ta' kreditu ma tissodisfax jew x'aktarx se tikser ir-rekwiżiti prudenzjali applikabbli, inklużi il-pjanijiet ta' rkupru u l-arranġamenti ta' appoġġ finanzjarju bejn il-gruppi, b'koordinazzjoni mal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni rilevanti;

(l) Li jikkoordina u jesprimi pożizzjoni komuni tar-rappreżentanti minn awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri parteċipanti fil-Bord tas-Superviżuri u l-Bord Maniġerjali tal-Awtorità Bankarja Ewropea, għal kwistjonijiet relatati mal-kompiti kkonferiti lill-BĊE b'dan ir-Regolament.

2. Għall-istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti fi Stat Membru mhux parteċipanti, li jistabbilixxu fergħa jew jipprovdu servizzi transfruntieri fi Stat Membru parteċipanti, il-BĊE għandu jwettaq il-kompiti msemmija fil-paragrafu 1 li għalih ikunu kompetenti l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali tal-Istat Membru parteċipanti.

3. Soġġett għal u f'konformità ma' kwalunkwe regola rilevanti tal-liġi tal-Unjoni u b'mod partikolari kwalunkwe att leġiżlattiv u mhux leġiżlattiv, il-BĊE jista' jadotta regolamenti u rakkomandazzjonijiet u jieħu deċiżjonijiet biex jimplimenta jew japplika liġi tal-Unjoni, sal-punt meħtieġ biex iwettaq il-kompiti kkonferiti lilu b'dan ir-Regolament.

4. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet u s-setgħat relatati tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri parteċipanti biex iwettqu kompiti superviżorji li mhumiex imsemmija f'dan ir-Regolament.

*Artikolu 5*

*Awtoritajiet nazzjonali*

1. Il-BĊE għandu jwettaq il-kompiti tiegħu f'mekkaniżmu superviżorju uniku li huwa magħmul mill-BĊE u minn awtoritajiet kompetenti nazzjonali.

2. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jassistu lill-BĊE fuq talba tiegħu bit-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe att relatat mal-kompiti msemmija fl-Artikolu 4.

3. Il-BĊE għandu jorganizza l-modalitajiet prattiċi ta' implimentazzjoni tal-paragrafu 2 mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali meta jwettqu l-kompiti tiegħu. Għandu jiddefinixxi b'mod ċar il-qafas u l-kundizzjonijiet li skonthom l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għandhom iwettqu dawk l-attivitajiet.

4. L-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għandhom isegwu l-istruzzjonijiet mogħtija mill-BĊE.

*Artikolu 6*

*Kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri mhux parteċipanti*

1. Fi ħdan il-limiti stabbiliti b'dan l-Artikolu, il-BĊE għandu jwettaq il-kompiti fl-oqsma msemmija fl-Artikolu 4(1) u (2) b'rabta mal-istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti fi Stat Membru li l-munita tiegħu mhijiex l-euro, fejn ġiet stabbilita kooperazzjoni mill-qrib bejn il-BĊE u l-awtorità kompetenti nazzjonali tat-tali Stat Membru skont dan l-Artikolu.

   Għal dak il-għan, il-BĊE jista' jindirizza linji gwida jew talbiet lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali ta' Stat Membru mhux parteċipanti.

2. Il-kooperazzjoni mill-qrib bejn il-BĊE u l-awtorità kompetenti nazzjonali ta' Stat Membru mhux parteċipanti għandha tiġi stabbilita, b'deċiżjoni adottata mill-BĊE, fejn jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(m) L-Istat Membru kkonċernat jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra, lill-Kummissjoni, lill-BĊE u lill-ABE bit-talba li jidħlu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-BĊE b'rabta mal-eżerċitar tal-kompiti msemmija fl-Artikolu 4 fir-rigward tal-istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti fl-Istat Membru kkonċernat;

(n) Fin-notifika, l-Istat Membru kkonċernat jintrabat:

   – li jiżgura li l-awtorità kompetenti nazzjonali tiegħu se tirrispetta kwalunkwe linja gwida jew talba maħruġa mill-BĊE;

   – li jipprovdi l-informazzjoni kollha dwar l-istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti f'dak l-Istat Membru li l-BĊE jista' jeħtieġ għall-fini tat-twettiq ta' valutazzjoni komprensiva ta' dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu.

(o) L-Istat Membru kkonċernat adotta atti legali nazzjonali biex jiżgura li l-awtorità kompetenti nazzjonali se tkun obbligata tadotta kwalunkwe miżura b'rabta mal-istituzzjonijiet ta' kreditu mitluba mill-BĊE, skont il-paragrafu 5.

3. Id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiddetermina, f'konformità mal-Istatut tal-BĊE u tas-SEBĊ, il-kundizzjonijiet li skonthom ir-rappreżentanti tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li stabbilixxew kooperazzjoni mill-qrib skont dan l-Artikolu għandhom jieħdu sehem fl-attivitajiet tal-Bord Superviżorju.

4. Id-Deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Id-Deċiżjoni għandha tapplika 14-il jum wara t-tali pubblikazzjoni.

5. Meta l-BĊE jqis li miżura relatata mal-kompiti msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi adottata mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru kkonċernat b'rabta ma' istituzzjoni ta' kreditu, kumpanija holding finanzjarja jew kumpanija holding finanzjarja mħallta, għandu jagħmel talba lil dik l-awtorità, fejn jispeċifika skeda taż-żmien rilevanti. Dik l-iskeda ma għandhiex tkun inqas minn 48 siegħa sakemm adozzjoni aktar bikrija ma tkunx indispensabbli biex tiġi evitata ħsara irreparabbli. L-

awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa skont l-obbligu msemmi fil-paragrafu (2)(c).

5. Meta l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2(a) sa (c) ma jibgħux jiġu ssodisfati mill-Istat Membru kkonċernat, jew meta l-awtorità kompetenti tiegħu ma taġixxix skont l-obbligu msemmi fil-paragrafu 2(c), il-BĊE jista' jiddeċiedi li jtemm il-kooperazzjoni mill-qrib ma' dak l-Istat Membru.

Id-deċiżjoni għandha tiġi nnotifikata lill-Istat Membru kkonċernat u għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Id-deċiżjoni għandha tindika d-data minn meta tibda tapplika, filwaqt li jitqiesu b'mod xieraq l-effikaċja superviżorja u l-interessi leġittimi tal-istituzzjonijiet ta' kreditu.

*Artikolu 7*

*Relazzjonijiet internazzjonali*

Mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi rispettivi tal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni, b'rabta mal-kompiti kkonferiti lill-BĊE b'dan ir-Regolament, il-BĊE jista' jiżviluppa kuntatti u jidħol f'arranġamenti amministrattivi ma' awtoritajiet superviżorji, organizzazzjonijiet internazzjonali u amministrazzjonijiet ta' pajjiżi terzi, soġġett għal koordinazzjoni xierqa mal-ABE. Dawk l-arranġamenti ma għandhomx joħolqu obbligi legali fir-rigward tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha.

# Kapitolu III

# Setgħat superviżorji u investigatorji

*Artikolu 8*

*Setgħat superviżorji u investigatorji*

1 Għall-finijiet tat-twettiq tal-kompiti kkonferiti lilu bl-Artikolu 4(1) u (2), il-BĊE għandu jitqies bħala l-awtorità kompetenti fl-Istati Membri parteċipanti skont l-atti rilevanti tal-liġi tal-Unjoni u jkollu s-setgħat u l-obbligi li l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom skont dawk l-atti.

Għall-fini tat-twettiq tal-kompitu msemmi fl-Artikolu 4(1) u (2), il-BĊE għandu jitqies bħala l-awtorità maħtura skont l-atti rilevanti tal-liġi tal-Unjoni u jkollu s-setgħat u l-obbligi li l-awtoritajiet maħtura għandu jkollhom skont dawk l-atti.

2 Għall-finijiet tat-twettiq tal-kompiti kkonferiti lilu bl-Artikolu 4(1) u (2), il-BĊE għandu jkollu s-setgħat investigatorji stabbiliti fit-Taqsima I.

# TAQSIMA 1

## SETGĦAT INVESTIGATORJI

### *Artikolu 9*

### *Talbiet għal informazzjoni*

1. Il-BĊE jista' b'talba sempliċi jew b'deċiżjoni jeżiġi li l-persuni ġuridiċi jew fiżiċi li ġejjin jipprovdu l-informazzjoni kollha li tkun meħtieġa biex iwettaq il-kompiti kkonferiti lilu b'dan ir-Regolament, inkluża informazzjoni li għandha tiġi pprovduta f'intervalli rikorrenti u f'formati speċifikati għall-finijiet superviżorji u statistiċi relatati:

(a) istituzzjonijiet ta' kreditu;

(b) kumpaniji holding finanzjarji;

(c) kumpaniji holding finanzjarji mħallta;

(d) kumpaniji holding b'attività mħallta;

(e) persuni involuti fl-attivitajiet tal-entitajiet imsemmija f'(a) sa (d), u partijiet terzi relatati;

(f) partijiet terzi li l-entitajiet msemmija f'(a) sa (d) ikunu esternalizzawlhom funzjonijiet operazzjonali jew attivitajiet;

(g) persuni li b'xi mod ieħor huma relatati mill-qrib u b'mod sostanzjali jew konnessi mal-attivitajiet tal-entitajiet imsemmija f'(a) sa (d);

(h) awtoritajiet kompetenti nazzjonali.

2. Il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jipprovdu l-informazzjoni mitluba.

### *Artikolu 10*

### *Investigazzjonijiet ġenerali*

1. Sabiex iwettaq il-kompiti kkonferiti lilu b'dan ir-Regolament, il-BĊE jista' jwettaq l-investigazzjonijiet kollha neċessarji tal-persuni msemmija fl-Artikolu 9(1) (a) sa (g). Għal dak il-għan, il-BĊE għandu jkollu d-dritt li:

(a) jeżiġi s-sottomissjoni ta' dokumenti;

(b) jeżamina l-kotba u r-reġistri tal-persuni msemmija fl-Artikolu 9(1)(a) sa (g) u jieħu kopji jew estrazzjonijiet mit-tali kotba u reġistri;

(c) jikseb spjegazzjonijiet bil-miktub jew orali minn kwalunkwe persuna msemmija fl-Artikolu 9(1) (a) sa (g) jew ir-rappreżentanti jew il-persunal tagħhom;

(d) jintervista kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika oħra li tagħti l-kunsens li tiġi intervistata bil-fini li tinġabar informazzjoni relatata mas-suġġett tal-investigazzjoni;

2. Il-persuni msemmija fl-Artikolu 9(1) (a) sa (g) għandhom jissottomettu ruħhom għal investigazzjonijiet imnedija abbażi ta' deċiżjoni tal-BĊE.

Meta persuna tostakola t-twettiq ta' investigazzjoni, l-Istat Membru parteċipanti fejn ikun jinsab il-bini rilevanti għandu jipprovdi l-assistenza meħtieġa, inkluż aċċess lill-BĊE għall-bini fejn joperaw il-persuni ġuridiċi msemmija fl-Artikolu 9(1) (a) sa (g), sabiex ikunu jistgħu jiġu eżerċitati d-drittijiet imsemmijin qabel.

*Artikolu 11*

*Spezzjonijiet fuq il-post*

1. Sabiex iwettaq il-kompiti kkonferiti lilu b'dan ir-Regolament, il-BĊE jista' jwettaq l-ispezzjonijiet fuq il-post kollha neċessarji fil-bini fejn joperaw il-persuni ġuridiċi msemmija fl-Artikolu 9(1) (a) sa (g), skont l-Artikolu 12. Meta t-twettiq u l-effiċjenza xierqa tal-ispezzjonijiet ikunu jeħtieġu hekk, il-BĊE jista' jwettaq spezzjonijiet fuq il-post mingħajr notifika minn qabel.

2. L-uffiċjali tal-BĊE u persuni oħra awtorizzati minnu biex iwettqu spezzjoni fuq il-post jistgħu jidħlu fi kwalunkwe bini u art fejn joperaw il-persuni ġuridiċi soġġetti għal deċiżjoni ta' investigazzjoni adottata mill-BĊE u għandu jkollhom is-setgħat kollha stipulati fl-Artikolu 10(1). Huma għandu jkollhom ukoll is-setgħa li jissiġillaw kwalunkwe bini fejn joperaw il-persuni ġuridiċi u kotba jew reġistri għall-perjodu tal-ispezzjoni u sal-limitu meħtieġ għaliha.

3. Il-persuni msemmija fl-Artikolu 9(1) (a) sa (g) għandhom jissottomettu ruħhom għal spezzjonijiet fuq il-post ordnati b'deċiżjoni tal-BĊE.

4. L-uffiċjali tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih tkun se titwettaq l-ispezzjoni, kif ukoll dawk awtorizzati jew maħtura minnha, għandhom fuq talba tal-BĊE, jassistu b'mod attiv lill-uffiċjali tal-BĊE u lil persuni oħra awtorizzati minnu. Għal dak il-għan, huma għandhom igawdu s-setgħat stabbiliti fil-paragrafu 2. L-uffiċjali tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru parteċipanti kkonċernat jistgħu wkoll jattendu l-ispezzjonijiet fuq il-post jekk jitolbu li jagħmlu dan.

5. Meta l-uffiċjali tal-BĊE u persuni oħra awtorizzati mill-BĊE li jakkumpanjawhom isibu li persuna topponi spezzjoni ordnata skont dan l-Artikolu, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru parteċipanti għandha tipprovdilhom l-assistenza meħtieġa.

*Artikolu 12*

*Awtorizzazzjoni minn awtorità ġudizzjarja*

1. Jekk spezzjoni fuq il-post prevista fl-Artikolu 11(1) jew l-assistenza prevista fl-Artikolu 11(5) teżiġi awtorizzazzjoni minn awtorità ġudizzjarja skont ir-regoli nazzjonali, għandha ssir applikazzjoni għat-tali awtorizzazzjoni.

2. Meta awtorizzazzjoni kif imsemmija fil-paragrafu 1 tkun saret applikazzjoni għaliha, l-awtorità ġudizzjarja nazzjonali għandha tikkontrolla li d-deċiżjoni tal-BĊE tkun awtentika u li l-miżuri koersivi previsti la jkunu arbitrarji u lanqas eċċessivi filwaqt li jitqies is-suġġett tal-ispezzjoni. Meta tikkontrolla l-proporzjonalità tal-miżuri koersivi, l-awtorità ġudizzjarja nazzjonali tista' titlob lill-BĊE għal spjegazzjonijiet dettaljati, b'mod partikolari fir-rigward tar-raġunijiet li l-BĊE jkollu biex jissuspetta li jkun sar ksur tal-atti rilevanti tal-liġi tal-Unjoni u l-gravità tal-ksur issuspettat u n-natura tal-involviment tal-persuna soġġetta għall-miżuri koersivi. Madankollu, l-awtorità ġudizzjarja nazzjonali ma għandhiex tanalizza n-neċessità tal-ispezzjoni u lanqas ma għandha titlob li tiġi pprovduta bl-informazzjoni fil-fajl tal-BĊE. Il-legalità tad-deċiżjoni tal-BĊE għandha tkun soġġetta għal analiżi mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

# TAQSIMA 2

## SETGĦAT SUPERVIŻORJI SPEĊIFIĊI

*Artikolu 13*

*Awtorizzazzjoni*

1. Kwalunkwe applikazzjoni għal awtorizzazzjoni biex jingħata bidu għall-operat ta' istituzzjoni ta' kreditu li tkun se tiġi stabbilita fi Stat Membru parteċipanti għandha tiġi introdotta mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istat Membru fejn l-istituzzjoni ta' kreditu tkun se tiġi stabbilita skont ir-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti.

Jekk l-istituzzjoni ta' kreditu tikkonforma mal-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fil-liġi nazzjonali ta' dak l-Istat membru, l-awtorità kompetenti nazzjonali għandha tieħu deċiżjoni biex tipproponi lill-BĊE biex jagħti l-awtorizzazzjoni. Id-deċiżjoni għandha tiġi nnotifikata lill-BĊE u lill-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata.

Meta l-BĊE jirċievi l-proposta mill-awtorità kompetenti nazzjonali msemmija fit-tieni subparagrafu, għandu jagħti awtorizzazzjoni fejn il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni jiġu ssodisfati. Id-deċiżjoni għandha tiġi nnotifikata lill-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata.

2. Il-BĊE jista' jirtira l-awtorizzazzjoni fil-każijiet stabbiliti fl-atti tal-Unjoni fuq l-inizjattiva tiegħu stess jew fuq proposta mill-awtorità kompetenti nazzjonali tal-Istat Membru fejn l-istituzzjoni ta' kreditu hija stabbilita.

Meta l-awtorità kompetenti nazzjonali li tkun ipproponiet l-awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1 tqis li l-awtorizzazzjoni trid tiġi rtirata skont il-liġi nazzjonali, għandha tissottometti proposta lill-BĊE għal dak il-għan. F'dak il-każ, il-BĊE jista' jirtira l-awtorizzazzjoni.

*Artikolu 14*

*Setgħat tal-awtoritajiet ospitanti u kooperazzjoni dwar superviżjoni konsolidata*

1. Bejn l-Istati Membri parteċipanti l-proċeduri stabbiliti fl-atti tal-Unjoni għall-istituzzjonijiet ta' kreditu li jixtiequ jistabbilixxu fergħa jew jeżerċitaw il-libertà li jipprovdu servizzi billi jwettqu l-attivitajiet tagħhom fit-territorju ta' Stat Membru ieħor u l-kompetenzi relatati tal-Istati Membri tad-domiċilju u dawk ospitanti għandhom japplikaw biss għall-finijiet ta' kompiti mhux ikkonferiti lill-BĊE bl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament.

2. Id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-atti tal-Unjoni b'rabta mal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti mill-Istati Membri differenti għat-twettiq tas-superviżjoni fuq bażi kkonsolidata ma għandhomx japplikaw sal-punt li l-awtoritajiet kompetenti involuti jkunu awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri parteċipanti.

*Artikolu 15*

*Sanzjonijiet*

1. Għall-fini tat-twettiq tal-kompiti kkonferiti lilu b'dan ir-Regolament, meta istituzzjonijiet ta' kreditu, kumpaniji holding finanzjarji, jew kumpaniji holding finanzjarji mħallta, b'mod intenzjonali jew negliġenti, jiksru rekwiżit skont atti tal-Unjoni direttament applikabbli li fir-rigward tagħhom għandu jkun hemm disponibbli sanzjonijiet pekunjarji amministrattivi għall-awtoritajiet kompetenti skont il-liġi tal-Unjoni, il-BĊE jista' jimponi sanzjonijiet amministrattivi pekunjarji sa darbtejn l-ammont tal-profitt miksub jew it-telf evitat minħabba ksur meta dawn jistgħu jiġu ddeterminati, jew sa 10 % tal-fatturat annwali totali ta' persuna ġuridika fis-sena ta' ħidma preċedenti.

2. Meta l-persuna ġuridika tkun sussidjarja ta' impriża prinċipali, il-fatturat annwali totali rilevanti msemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jkun il-fatturat annwali totali li jirriżulta mill-kont ikkonsolidat tal-impriża prinċipali aħħarija fis-sena ta' ħidma preċedenti.

3. Is-sanzjonijiet applikati għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Meta jiġi biex jiddetermina jekk jimponix sanzjoni u biex jiddetermina s-sanzjoni x-xierqa, il-BĊE għandu jqis iċ-ċirkostanzi kollha rilevanti stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni.

4. Il-BĊE għandu japplika dan l-Artikolu skont l-Artikoli 3 sa 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2532/98.

5. F'każijiet mhux koperti bil-paragrafu 1, fejn meħtieġ għall-fini tat-twettiq tal-kompiti kkonferiti lilu b'dan ir-Regolament, il-BĊE jista' jeżiġi li awtoritajiet kompetenti nazzjonali jieħdu azzjoni sabiex jiżguraw li jiġu imposti sanzjonijiet xierqa. Is-sanzjonijiet applikati mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għandhom ikunu effikaċi, proporzjonati u dissważivi.

L-ewwel subparagrafu għandu jkun applikabbli b'mod partikolari għal sanzjonijiet pekunjarji li għandhom jiġu imposti fuq istituzzjonijiet ta' kreditu, kumpaniji holding finanzjarji jew kumpaniji holding mħallta għal ksur ta' liġi nazzjonali li tittrasponi Direttivi tal-UE rilevanti, u għal kwalunkwe sanzjoni jew miżura amministrattiva li tkun se tiġi imposta fuq membri tal-bord maniġerjali jew kwalunkwe individwu ieħor li skont il-liġi nazzjonali jkun responsabbli għal ksur minn istituzzjoni ta' kreditu, kumpanija holding finanzjarja jew kumpanija holding finanzjarja mħallta.

6. Il-BĊE għandu jippubblika kwalunkwe sanzjoni msemmija fil-paragrafu 1 mingħajr dewmien żejjed inkluża informazzjoni dwar it-tip u n-natura tal-ksur u l-identità tal-persuni responsabbli għalih, sakemm it-tali pubblikazzjoni ma theddix serjament l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji. Meta pubblikazzjoni tkun tikkawża ħsara sproporzjonata lill-partijiet involuti, il-BĊE għandu jippubblika s-sanzjoni fuq bażi anonima.

7. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 sa 6, għall-finijiet tat-twettiq tal-kompiti kkonferiti lilu b'dan ir-Regolament, f'każ ta' ksur ta' regolamenti jew deċiżjonijiet tiegħu, il-BĊE jista' jimponi sanzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2532/98.

## Kapitolu IV

## Prinċipji organizzazzjonali

*Artikolu 16*

*Indipendenza*

8. Meta jwettaq il-kompiti kkonferiti lilu b'dan ir-Regolament, il-BĊE għandu jaġixxi b'mod indipendenti.

9. L-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni u l-gvernijiet tal-Istati Membri għandhom jirrispettaw dik l-indipendenza.

*Artikolu 17*

*Responsabbiltà*

Il-BĊE għandu jagħti kont lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, skont dan il-Kapitolu.

*Artikolu 18*

*Separazzjoni mill-funzjoni politika monetarja*

1. Meta jwettaq il-kompiti kkonferiti lilu b'dan ir-Regolament, il-BĊE għandu jfittex li jilħaq biss l-għanijiet stabbiliti b'dan ir-Regolament.

2. Il-BĊE għandu jwettaq il-kompiti kkonferiti lilu b'dan ir-Regolament b'mod separat mill-kompiti tiegħu relatati mal-politika monetarja u minn kwalunkwe kompitu ieħor. Il-kompiti kkonferiti lill-BĊE b'dan ir-Regolament ma għandhomx jinterferixxu mal-kompiti tal-BĊE relatati mal-politika monetarja u ma' kwalunkwe kompitu ieħor.

3. Għall-finijiet tal-paragrafi 1 u 2, il-BĊE għandu jadotta kwalunkwe regola interna meħtieġa, inklużi regoli rigward is-segretezza professjonali.

*Artikolu 19*

*Bord superviżorju*

1. L-ippjanar u l-eżekuzzjoni tal-kompiti kkonferiti lill-BĊE, għandhom jitwettqu minn korp intern magħmul minn erba' rappreżentanti tal-BĊE maħtura mill-Bord Eżekuttiv tal-BĊE u rappreżentant wieħed tal-awtorità kompetenti nazzjonali għas-superviżjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu f'kull Stat Membru parteċipanti (minn hawn 'il quddiem "bord supeviżorju").

2. Barra minn hekk, il-bord superviżorju għandu jinkludi President elett mill-membri tal-Kunsill Governattiv minn fost il-membri, bl-eċċezzjoni tal-President tal-Bord Eżekuttiv, u Viċi President elett mill-membri tal-Kunsill governattiv tal-BĊE u minn fosthom.

3. Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE jista' jiddelega kompiti superviżorji ddefiniti b'mod ċar u deċiżjonijiet relatati rigward istituzzjonijiet ta' kreditu, kumpaniji holding finanzjarji jew kumpaniji holding finanzjarji mħallta individwali jew sett identifikabbli minnhom, lill-bord superviżorju, soġġett għas-sorveljanza u r-responsabbiltà tal-Kunsill Governattiv.

4. Il-bord superviżorju jista' jaħtar minn fost il-membri tiegħu kumitat ta' tmexxija b'kompożizzjoni iktar limitata biex jappoġġa l-attivitajiet tiegħu, inkluż it-tħejjija tal-laqgħat.

5. Ir-rappreżentanti tal-awtorità kompetenti tal-Istati Membri li stabbilixxew kooperazzjoni mill-qrib skont l-Artikolu 6 għandhom jieħdu sehem fl-attivitajiet tal-bord superviżorju skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fid-deċiżjoni adottata skont il-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 6, f'konformità mal-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE.

6. Il-President tal-Awtorità Bankarja Ewropea u membru tal-Kummissjoni Ewropea jistgħu jipparteċipaw bħala osservaturi fil-laqgħat tal-bord superviżorju.

7. Il-Kunsill Governattiv għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tal-bord supeviżorju inklużi r-regoli dwar iż-żmien tal-kariga tal-President u l-Viċi President. Iż-żmien tal-kariga ma għandux jaqbeż ħames snin u ma għandux ikun rinnovabbli.

*Artikolu 20*

*Segretezza professjonali u skambju ta' informazzjoni*

1. Membri tal-Bord Superviżorju u persunal tal-BĊE li jwettqu dmirijiet superviżorji, anke meta jintemmu dmirijiethom, għandhom ikunu soġġetti għal rekwiżiti ta' segretezza professjonali stabbiliti fl-Artikolu 37 tal-Protokoll Nru 4 u fl-atti rilevanti tal-liġi tal-Unjoni.

2. Għall-fini tat-twettiq tal-kompiti kkonferiti lilu b'dan ir-Regolament, il-BĊE għandu jkun awtorizzat, fil-limiti u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-atti rilevanti tal-liġi tal-Unjoni, li jiskambja informazzjoni ma' awtoritajiet u korpi nazzjonali jew Ewropej fil-każijiet fejn il-liġi tal-Unjoni tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jiddivulgaw informazzjoni lil dawk l-entitajiet jew fejn l-Istati Membri jistgħu jipprovdu għat-tali divulgazzjoni skont il-liġi tal-Unjoni.

*Artikolu 21*

*Rapportar*

1. Il-BĊE għandu kull sena jissottometti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Grupp tal-euro, rapport dwar l-eżekuzzjoni tal-kompiti kkonferit lilu b'dan ir-Regolament.

2. Il-President tal-bord superviżorju tal-BĊE għandu jippreżenta dan ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Grupp tal-euro fil-preżenza ta' rappreżentanti minn kwalunkwe Stat Membru mhux parteċipanti li miegħu jkun hemm kooperazzjoni mill-qrib skont l-Artikolu 6.

3. Il-President tal-bord superviżorju jista', fuq talba tal-Parlament Ewropew, jinstema' mill-kumitati kompetenti tal-Parlament Ewropew fir-rigward tal-eżekuzzjoni tal-kompiti superviżorji tiegħu.

4. Il-BĊE għandu jwieġeb oralment jew bil-miktub għall-mistoqsijiet li jsirulu mill-Parlament Ewropew jew mill-Grupp tal-euro.

*Artikolu 22*

*Riżorsi*

Il-BĊE għandu jiddedika r-riżorsi meħtieġa biex jeżerċita l-kompiti kkonferiti lilu b'dan ir-Regolament.

*Artikolu 23*

*Baġit*

1. In-nefqa tal-BĊE biex iwettaq il-kompiti kkonferiti lilu b'dan ir-Regolament għandhom jiddaħħlu f'taqsima separata tal-baġit tal-BĊE.

2. Il-BĊE għandu, bħala parti mir-rapport imsemmi fl-Artikolu 22, jirrapporta fid-dettall dwar it-taqsima superviżorja tal-baġit tiegħu. Għandu jippubblika l-kontijiet annwali dettaljati b'rabta mat-taqsima superviżorja tal-baġit tiegħu skont l-Artikolu 26.2 tal-Istatut tal-BĊE u tas-SEBĊ.

*Artikolu 24*

*Tariffi għas-superviżjoni*

1. Il-BĊE għandu jiċċarġja tariffi mingħand l-istituzzjonijiet ta' kreditu li għandhom ikopru nefqiet relatati mal-kompiti tiegħu, u li ma jaqbżux dawk in-nefqiet.

2. L-ammont ta' tariffa ċċarġjata lil istituzzjoni ta' kreditu għandha tkun proporzjonata mal-importanza u l-profil tar-riskju tal-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata.

*Artikolu 25*

*Skambju tal-persunal*

1. Il-BĊE għandu jiżgura skambju xieraq u sekondar ta' persunal mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kif ukoll bejniethom.

2. Il-BĊE għandu jeżiġi fejn xieraq li timijiet superviżorji tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali li jkunu qed jieħdu azzjonijiet superviżorji fir-rigward ta' istituzzjoni ta' kreditu, kumpanija holding finanzjarja jew kumpanija holding finanzjarja mħallta li tkun tinsab fi Stat Membru parteċipanti wieħed skont dan ir-Regolament jinvolvu wkoll persunal minn awtoritajiet nazzjonali kompetenti ta' Stati Membri oħra parteċipanti.

# Kapitolu V

## Dispożizzjonijiet ġenerali u finali

*Artikolu 26*

*Rieżami*

Sal-31 ta' Diċembru 2015, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dak ir-rapport għandu jevalwa, fost affarijiet oħra:

(a) il-funzjonament tal-BĊE fis-Sistema Ewropea tas-Superviżjoni Finanzjarja;

(b) l-effikaċja tal-arranġamenti ta' indipendenza u responsabbiltà;

(c) l-interazzjoni bejn il-BĊE u l-Awtorità Bankarja Ewropea

(d) l-adegwatezza tal-arranġamenti ta' governanza, inkluża l-kompożizzjoni tal-bord superviżorju.

Ir-rapport għandu jintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Il-Kummissjoni għandha tagħmel proposti ta' akkumpanjament, skont kif ikun xieraq.

*Artikolu 27*

*Dispożizzjonijiet tranżizzjonali*

1. Mill-1 ta' Lulju 2013, il-BĊE għandu jwettaq il-kompiti superviżorji kkonferiti lilu anke b'rabta mal-istituzzjonijiet ta' kreditu l-aktar sinifikanti, kumpaniji holding finanzjarji u kumpaniji holding finanzjarji mħallta ta' importanza sistemika Ewropea fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni, abbażi tad-daqs tagħhom kif rifless, fis-somma tal-valuri tal-iskoperturi tal-assi u l-obbligazzjonijiet barra l-karta bilanċjali mhux imnaqqsa kollha meta jiġi ddeterminat il-kapital ta' grad 1 ta' ekwità komuni għal finijiet regolatorji, u l-attività transfruntiera tagħhom kif riflessa f'pretensjonijiet transġurisdizzjonali bħal depożiti u assi oħra fir-rigward ta' konsumaturi jew operaturi finanzjarji oħra li jinsabu f'pajjiż ieħor u obbligazzjonijiet transġurisdizzjonali bħal self u noti fir-rigward ta' konsumaturi jew operaturi finanzjarji oħra li jinsabu f'pajjiż ieħor, li flimkien ikopru tal-anqas nofs is-settur bankarju fiż-żona tal-euro kollha, fl-1 ta' Jannar 2013. Il-BĊE għandu jadotta u jippubblika l-lista ta' dawk l-istituzzjonijiet qabel l-1 ta' Marzu 2013.

2. Il-BĊE għandu jieħu l-kariga sħiħa tal-kompiti kkonferiti lilu b'dan ir-Regolament fl-1 ta' Jannar 2014.

3. Qabel l-1 ta' Jannar 2014, il-BĊE jista' b'deċiżjoni indirizzata lil istituzzjoni ta' kreditu, kumpanija holding finanzjarja jew kumpanija holding finanzjarja mħallta u l-

awtorità kompetenti nazzjonali tal-Istati Membri parteċipanti kkonċernati, jibda jwettaq il-kompiti kkonferiti lilu b'dan ir-Regolament, b'mod partikolari meta istituzzjoni ta' kreditu, kumpanija holding finanzjarja jew kumpanija holding finanzjarja mħallta tkun irċeviet jew talbet assistenza finanzjarja pubblika.

4. Mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, bl-għan li jassumi l-karigi tiegħu skont il-paragrafi 1 sa 3, il-BĊE jista' jeżiġi li l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru parteċipanti u l-persuni msemmija fl-Artikolu 9 jipprovdu l-informazzjoni kollha rilevanti għall-BĊE biex iwettaq valutazzjoni komprensiva tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Istat Membru parteċipanti. L-istituzzjoni ta' kreditu u l-awtorità kompetenti għandhom jipprovdu l-informazzjoni mitluba.

5. B'deroga mill-Artikolu 4(3), mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u sat-tħassir tad-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE u s-sostituzzjoni tagħhom b'atti ġodda tal-Unjoni, il-BĊE għandu jeżerċita l-kompiti kkonferiti lilu b'dan ir-Regolament billi jindirizza struzzjonijiet lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali dwar l-eżerċitar ta' kwalunkwe setgħa rilevanti kkonferita lilhom.

B'deroga mill-Artikolu 4(3), mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u sad-dħul fis-seħħ ta' atti leġiżlattvi dwar superviżjoni supplementari fuq istituzzjonijiet ta' kreditu, impriżi tal-assigurazzjoni u ditti tal-investiment f'konglomerat finanzjarju li tippermetti li l-BĊE jeżerċita s-setgħat ta' awtoritajiet kompetenti, il-BĊE għandu jeżerċita l-kompiti kkonferiti lilu bl-Artikolu 4(2)(j) billi jindirizza struzzjonijiet lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali dwar l-eżerċitar ta' kwalunkwe setgħa rilevanti kkonferita lilhom.

6. Istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati minn Stati membri parteċipanti fid-data msemmija fl-Artikolu 28 jew fejn rilevanti fid-dati msemmija fil-paragrafi 2 u 3, għandhom jitqiesu li huma awtorizzati skont l-Artikolu 13 u jistgħu jkomplu bl-operat tagħhom. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jikkomunikaw lill-BĊE qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-regolament jew fejn rilevanti qabel id-dati msemmija fil-paragrafi 2 u 3 l-identità ta' dawn l-istituzzjonijiet ta' kreditu flimkien ma' rapport li jindika l-istorja superviżorja u l-profil ta' riskju tal-istituzzjonijiet ikkonċernati, u kwalunkwe informazzjoni oħra mitluba mill-BĊE. l-informazzjoni għandha tiġi sottomessa fil-format mitlub mill-BĊE.

*Artikolu 28*

*Dħul fis-seħħ*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2013.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*